ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 328

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

6 ta' Diċembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2008 ta' l-20 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1211/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 5

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1212/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ........ 7

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom** [1] ........ 9

★ **Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1214/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2008/2009** ........ 18

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1215/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-Komunità għax-xgħir tal-maltu minn pajjiżi terzi u li jieħu d-deroga minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Verżjoni kodifikata)** ........ 20

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1216/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja** ........ 26

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali** (1) ........ 28

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/910/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 li temenda l-Parti 1 u l-Parti 2 tan-Network ta' Konsultazzjoni ta' Schengen (Speċifikazzjonijiet Tekniċi)** ........ 38

**Kummissjoni**

2008/911/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2008 li tistabbilixxi lista ta' sustanzi erbali, preparazzjonijiet erbali u kombinazzjonijiet tagħhom għal użu fi prodotti mediċinali erbali tradizzjonali** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6933)* (1) ........ 42

2008/912/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2008 fir-rigward ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għas-sena 2009, lil ċerti laboratorji ġodda ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tal-kontroll tal-ikel u l-għalf** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7283)* ........ 49

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali** ........ 55

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1210/2008

### ta' l-20 ta' Novembru 2008

### li jemenda r-Regolament (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 [1] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") daħal fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2008 u qed ikun applikat mill-1 ta' Marzu 2008. Ir-Regolament jipprovdi aċċess liberu għas-swieq tal-UE għall-prodotti kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem "il-Moldova"), ħlief għal ċerti prodotti agrikoli elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament li għalihom ingħataw konċessjonijiet limitati, jew f'forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali fi ħdan il-limitu tal-kwoti tariffarji jew ta' tnaqqis ta' dazji doganali.

(2) Il-test tal-Artikolu 14 tar-Regolament ħoloq diskrepanza bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (minn hawn 'il quddiem "SPĠ") li l-Moldova kienet intitolata għalihom sa meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 55/2008, u l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ (minn hawn 'il quddiem "PAK"), filwaqt li l-intenzjoni kienet li jiġi żgurat li s-SPĠ jibqgħu japplikaw għall-esportazzjonijiet eliġibbli kollha sa meta l-PAK ikunu daħlu fis-seħħ għal kollox. Skond l-Artikolu 14, l-oġġetti koperti bis-SPĠ, li ġew esportati lejn il-Komunità bejn id-dħul fis-seħħ tal-PAK u l-bidu tal-applikazzjoni tar-reġim m'humiex se jkunu koperti mill-ebda reġim fil-każijiet fejn ma jkun sar ebda kuntratt ta' xiri qabel il-31 ta' Jannar 2008 u jekk ikun jista' jintwera li l-oġġetti jkunu ħarġu mill-Moldova mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2008. Biex tiġi korretta din is-sitwazzjoni, it-test fl-Artikolu 14 għandu jiġi emendat b'mod li ssir referenza għad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament u mhux għad-dħul tiegħu fis-seħħ.

(3) Waqt it-tħejjija għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 55/2008 u l-ġestjoni tal-kwoti elenkati fl-Anness 1, instabu xi ftit inkonsistenzi bejn id-deskrizzjonijiet tal-kwoti u l-kodiċijiet NM applikabbli. Sabiex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji, il-kelma "domestiċi" għandha titħassar fid-deskrizzjoni għall-kwota Nru 09.0504, il-kodiċi NM 1001 90 99 għandha tiġi miżjuda għall-kwota Nru 09.0509, u d-deskrizzjoni "ta' saħħa alkoholika attwali bil-massa ta' mhux aktar minn 15 % mas," għandha titħassar fid-deskrizzjoni tal-kwota Nru 09.0514. Il-korrezzjonijiet proposti ma jikkontradixxux jew jibdlu l-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-kwoti għal kull grupp ta' prodott, li kien ibbażat fuq l-aqwa prestazzjoni ta' esportazzjoni tas-snin 2004-2006 biż-żidiet f'kull sena jkunu jikkorrispondu maż-żidiet potenzjali fil-kapaċità ta' produzzjoni u esportazzjoni tal-Moldova sal-2012.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati mingħajr dewmien bla bżonn, dan għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 14 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-frażi introduttorja tal-paragrafu 1, il-kelmiet "d-dħul fis-seħħ" jiġu sostitwiti bil-kliem "d-data tal-applikazzjoni";

---
[1] ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.

(b) fil-paragrafi 1(a), 1(b), 2(a), 2(b), 2(c) u 2(d), il-kelmiet "id-data tal-bidu fis-seħħ" jiġu sostitwiti bil-kliem "id-data tal-applikazzjoni";

(2) L-Anness I jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. LAPORTE

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**PRODOTTI SOTTOMESSI GĦAL LIMITI KWANTITATTIVI JEW LIMITU TAL-PREZZ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3**

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, it-test għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala test li m'għandux aktar minn valur indikattiv, billi l-iskema preferenzjali hija determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet NM. Fejn ikunu indikati l-kodiċijiet ex NM, l-iskema preferenzjali għandha tkun determinata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u bid-deskrizzjoni korrispondenti għalih meħuda flimkien.

1. **Prodotti suġġetti għall-kwoti tariffarji annwali ħielsa mid-dazju**

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Deskrizzjoni | 2008 (1) | 2009 (1) | 2010 (1) | 2011 (1) | 2012 (1) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.0504 | 0201 sa 0204 | Laħam frisk, imkessaħ u ffriżat ta' annimali bovini, ħnieżer domestiċi u nagħaġ u mogħoż | 3 000 (2) | 3 000 (2) | 4 000 (2) | 4 000 (2) | 4 000 (2) |
| 09.0505 | ex 0207 | Laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur taħt it-titolu 0105 frisk, imkessaħ jew iffriżat, apparti fwied xaħmi taħt it-titolu 0207 34 | 400 (2) | 400 (2) | 500 (2) | 500 (2) | 500 (2) |
| 09.0506 | ex 0210 | Laħam u ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer u annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew iffumigat, dqiq u smida li jittieklu mil-laħam jew mill-fdalijiet tal-laħam jew ġewwieni tal-laħam tal-ħanżir domestiku jew annimali bovini | 400 (2) | 400 (2) | 500 (2) | 500 (2) | 500 (2) |
| 09.4210 | 0401 sa 0406 | Prodotti tal-ħalib | 1 000 (2) | 1 000 (2) | 1 500 (2) | 1 500 (2) | 1 500 (2) |
| 09.0507 | 0407 00 | Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra | 90 (3) | 95 (3) | 100 (3) | 110 (3) | 120 (3) |
| 09.0508 | ex 0408 | Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, apparti dak mhux tajjeb għall-konsum uman | 200 (2) | 200 (2) | 300 (2) | 300 (2) | 300 (2) |
| 09.0509 | 1001 90 91<br>1001 90 99 | Spelt ieħor (minbarra dak għaż-żrigħ), qamħ komuni u meslin | 25 000 (2) | 30 000 (2) | 35 000 (2) | 40 000 (2) | 50 000 (2) |
| 09.0510 | 1003 00 90 | Xgħir | 20 000 (2) | 25 000 (2) | 30 000 (2) | 35 000 (2) | 45 000 (2) |
| 09.0511 | 1005 90 | Qamħirrun | 15 000 (2) | 20 000 (2) | 25 000 (2) | 30 000 (2) | 40 000 (2) |
| 09.0512 | 1601 00 91 u<br>1601 00 99 | Zlazet u prodotti simili, tal-laħam, tal-ġewwieni ta' l-annimali jew tad-demm; preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti | 500 (2) | 500 (2) | 600 (2) | 600 (2) | 600 (2) |
| | ex 1602 | Laħam ieħor, ippreparat jew ippreżervat, ġewwieni tal-laħam jew demm:<br>— ta' tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus, mhux imsajjar,<br>— tal-ħnieżer domestiċi,<br>— ta' bhejjem ta' l-ifrat, mhux imsajjar | | | | | |
| 09.0513 | 1701 99 10 | Zokkor Abjad | 15 000 (2) | 18 000 (2) | 22 000 (2) | 26 000 (2) | 34 000 (2) |
| 09.0514 | 2204 21 u<br>2204 29 | Inbid mill-għeneb frisk, ħlief inbid effervexxenti | 60 000 (4) | 70 000 (4) | 80 000 (4) | 100 000 (4) | 120 000 (4) |

(1) Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, ħlief għall-2008 mill-ewwel jum ta' l-applikazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru
(2) tunnellati (piż nett).
(3) miljuni ta' unitajiet,
(4) ettolitri.

2. **Prodotti li għalihom il-komponent ad valorem tad-dazju ta’ l-importazzjoni huwa eżentat**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 0702 | Tadam, frisk jew imkessaħ |
| 0703 20 | Tewm, frisk jew imkessaħ |
| 0707 | Ħjar u ħjar żgħir għall-immarinar (gherkins), friski jew imkessħin |
| 0709 90 70 | Qarabali, frisk jew imkessaħ |
| 0709 90 80 | Qaqoċċ tond |
| 0806 | Għeneb, frisk jew imnixxef |
| 0808 10 | Tuffieħ, frisk |
| 0808 20 | Lanġas u sfarġel |
| 0809 10 | Berquq |
| 0809 20 | Ċirasa |
| 0809 30 | Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk |
| 0809 40 | Għanbaqar u pruna selvaġġa” |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1211/2008

## tal-5 ta’ Diċembru 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta’ l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta’ l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta’ Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta’ l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 71,4 |
| | TR | 76,9 |
| | ZZ | 74,2 |
| 0707 00 05 | JO | 167,2 |
| | MA | 58,0 |
| | TR | 91,5 |
| | ZZ | 105,6 |
| 0709 90 70 | JO | 230,6 |
| | MA | 83,9 |
| | TR | 107,2 |
| | ZZ | 140,6 |
| 0805 10 20 | BR | 44,6 |
| | EG | 30,5 |
| | MA | 76,3 |
| | TR | 55,3 |
| | UY | 34,6 |
| | ZA | 43,1 |
| | ZW | 28,4 |
| | ZZ | 44,7 |
| 0805 20 10 | MA | 66,9 |
| | TR | 73,0 |
| | ZZ | 70,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | AR | 62,9 |
| | CN | 52,4 |
| | HR | 17,0 |
| | IL | 74,8 |
| | TR | 59,7 |
| | ZZ | 53,4 |
| 0805 50 10 | MA | 64,0 |
| | TR | 63,4 |
| | ZA | 79,4 |
| | ZZ | 68,9 |
| 0808 10 80 | CA | 89,4 |
| | CL | 67,1 |
| | CN | 76,6 |
| | MK | 34,8 |
| | US | 104,1 |
| | ZA | 113,0 |
| | ZZ | 80,8 |
| 0808 20 50 | AR | 73,4 |
| | CL | 48,4 |
| | CN | 50,1 |
| | TR | 104,0 |
| | US | 126,1 |
| | ZZ | 80,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1212/2008

## tal-5 ta' Diċembru 2008

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1209/2008 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan immodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
([4]) ĠU L 327, 5.12.2008, p. 5.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-6 ta' Diċembru 2008**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 23,24 | 4,68 |
| 1701 11 90 (1) | 23,24 | 9,91 |
| 1701 12 10 (1) | 23,24 | 4,49 |
| 1701 12 90 (1) | 23,24 | 9,48 |
| 1701 91 00 (2) | 24,46 | 13,28 |
| 1701 99 10 (2) | 24,46 | 8,48 |
| 1701 99 90 (2) | 24,46 | 8,48 |
| 1702 90 95 (3) | 0,24 | 0,40 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1213/2008

## tal-5 ta' Diċembru 2008

## li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi ġo jew fuq prodotti tal-ikel u għalf li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mad-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE, u 90/642/KEE il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw programm Komunitarju ta' monitoraġġ ikkoordinat għar-residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti. Fl-1 ta' Settembru 2008 dawk id-Direttivi ġew sostitwiti mir-Regolament (KE) Nru 396/2005. Skont dan ir-Regolament il-programm Komunitarju ta' kontroll ta' residwi tal-pestiċidi hu li jkopri ikel li joriġina mill-annimali flimkien mal-ikel li joriġina mill-pjanti u għandu jkun f'forma ta' att li jorbot. Għaldaqsant għandu jiġi adottat bħala Regolament. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri biex jiġu mmonitorjati ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti mill-annimali u li tirrevoka d-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([2]).

(2) Fil-Komunità 30 prodott tal-ikel jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta. Peress li l-użu tal-pestiċidi juri bidliet sinifikanti fuq perjodu ta' tliet snin, il-pestiċidi għandhom ikunu mmonitorjati f'dawk it-30 prodott tal-ikel fuq serje ta' ċikli ta' tliet snin sabiex l-esponiment tal-konsumatur u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità jkunu jistgħu jiġu evalwati.

(3) Fuq il-bażi ta' distribuzzjoni ta' probabilità binomjali, jista' jiġi kkalkulat li l-eżaminar ta' 642 kampjun jippermetti, b'ċertezza ta' aktar minn 99 %, l-iżvelar ta' kampjun li jkun fih ammont ta' residwu ta' pestiċidi ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni (LOD), bil-kundizzjoni li mhux anqas minn 1 % mill-prodotti jkun fihom residwi ta' livell ogħla minn dak il-limitu. Il-ġabra ta' dawn il-kampjuni għandha tkun imqassma fost l-Istati Membri skont in-numru tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott u għal kull sena.

(4) Fejn id-definizzjoni ta' residwu tal-pestiċidi tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti jew prodotti mfarrka, dawk il-metaboliti għandhom jiġu rrapurtati separatament.

(5) Linja gwida dwar "Tisħiħ tal-Metodu u Proċeduri għall-Kontroll tal-Kwalità għall-Analiżi tar-Residwu tal-Pestiċidi fl-ikel u fl-għalf" huwa ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni ([3]).

(6) Għall-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni għandha tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni tal-Komunità għall-kontroll uffiċjali tar-residwi tal-pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u l-annimali u li tirrevoka d-Direttiva 79/700/KEE ([4]) li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni rrakkomandati mill-Kummissjoni Codex Alimentarius.

(7) Huwa wkoll neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-livelli massimi ta' residwu għall-ikel tat-trabi stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment ([5]) u li jemenda d-Direttiva 1999/21/KE, u l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([6]) tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat u bbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar, humiex jiġu rrispettati.

(8) Huwa neċessarju li jiġu evalwati l-effetti aggregati, kumulattivi u sinerġistiċi possibbli tal-pestiċidi. Din l-evalwazzjoni għandha tibda b'xi organofosfati, karbamati, trijażoli u piretrojdi, kif stipulat fl-Anness I.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.
([3]) Dokument SANCO/3131/2007), 31 ta' Ottubru 2007 http://ec.europa.eu/food/plant/protection/resources/qualcontrol_en.pdf
([4]) ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30.
([5]) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.
([6]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.

(9) L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom, matul is-snin 2009, 2010 u 2011 jieħdu u janalizzaw kampjuni għall-permutazzjonijiet ta' residwu minn pestiċida/prodott, kif stipulat fl-Anness I.

In-numru ta' kampjuni għal kull prodott għandu jkun skont kif stipulat fl-Anness II.

*Artikolu 2*

1. Il-lott li għandu jittieħed minnu l-kampjun ser jingħażel b'mod każwali.

Il-proċedura ta' teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandha tkun konformi mad-Direttiva 2002/63/KE.

2. Il-kampjuni meħuda u analizzati għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) għaxar kampjuni tal-ikel tat-trabi li huma prinċipalment ibbażati fuq ħxejjex, frott jew ċereali;

(b) kampjun wieħed, meta disponibbli, minn prodotti li joriġinaw minn biedja organika li jirrifletti s-sehem mis-suq tal-prodotti organiċi f'kull Stat Membru.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2009, 2010 u 2011 sal-31 ta' Awwissu 2010, 2011 u 2012 rispettivament.

Flimkien ma' dawn ir-riżultati, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-metodi analitiċi użati u l-livelli ta' rrappurtar miksuba, skont il-gwida fuq Tisħiħ tal-Metodu u Proċeduri għall-Kontroll tal-Kwalità għall-Analiżi tar-Residwu tal-Pestiċidi fl-ikel u fl-għalf;

(b) limitu ta' determinazzjoni applikat fil-programmi ta' kontroll nazzjonali u komunitarji;

(c) dettalji tal-istatus tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji analitiċi nvoluti fil-kontroll;

(d) fejn tippermetti l-leġiżlazzjoni nazzjonali, dettalji tal-miżuri ta' nfurzar li ġew użati;

(e) f'każ li jinqabeż l-MRL, dikjarazzjoni bir-raġunijiet possibbli għaliex inqabżu l-MRLs, flimkien ma' kull osservazzjoni xierqa dwar alternattivi fl-immaniġġjar tar-riskju.

2. Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi, metaboliti u/jew prodotti mfarrka jew ta' reazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrapurtaw ir-riżultati tal-analiżi skont id-definizzjoni legali tar-residwu. Fejn relevanti, ir-riżultati ta' kull wieħed mill-isomeri jew metaboliti prinċipali msemmija fid-definizzjoni tar-residwu għandhom jiġu sottomessi separatament.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Permutazzjonijiet ta' prodott/pestiċida li għandhom jiġu mmonitorjati**

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|
| 2,4-D (Total ta' 2,4-D u l-esteri tiegħu espress bħala 2,4-D) | | [c] | [a] |
| 4,4′-Methoxychlor | [d] | [e] | [f] |
| Abamectin (total ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomeru tal-avermectin B1a) | [b] [d] | [c] [e] | [a] [f] |
| Acephate | [b] | [c] | [a] |
| Acetamiprid | [b] | [c] | [a] |
| Acrinathrin | | [c] | [a] |
| Aldicarb (total ta' aldicarb, is-sulfoxide u s-sulfone tiegħu, espress bħala aldicarb) | [b] | [c] | [a] |
| Amitraz (amitraz li jinkludi l-metaboliti li fihom it-2,4 -dimethylaniline moity espress bħala amitraz) | | [c] | [a] |
| Amitrole (***) | [b] | [c] | [a] |
| Azinphos-ethyl (***) | [d] | [e] | [f] |
| Azinphos-metil | [b] | [c] | [a] |
| Azoxystrobin | [b] | [c] | [a] |
| Benfuracarb (***) | [b] | [c] | [a] |
| Bifenthrin | [b] [d] | [c] [e] | [a] [f] |
| Bitertanol | | [c] | [a] |
| Boscalid | [b] | [c] | [a] |
| Bromide ion | | [c] | [a] |
| Bromopropylate | [b] | [c] | [a] |
| Bromuconazole (total ta' diasteroisomeri) (***) | [b] | [c] | [a] |
| Bupirimate | [b] | [c] | [a] |
| Buprofezin | [b] | [c] | [a] |
| Cadusafos (***) | [b] | [c] | [a] |
| Campfechlor (total ta' parlar Nru 26, 50 u 62) (***) | [d] | [e] | [f] |
| Captan | [b] | [c] | [a] |
| Carbaryl | [b] | [c] | [a] |
| Carbendazim (total ta' Benomyl u carbendazim espress bħala carbendazim) | [b] | [c] | [a] |
| Carbofuran (total ta' Carbofuran u 3-Hydroxycarbofuran espress bħala Carbofuran) | [b] | [c] | [a] |
| Carbosulfan (***) | [b] | [c] | [a] |
| Chlordane (total ta' isomeri cis- u trans- u oxychlordane espress bħala chlordane) | [d] | [e] | [f] |
| Chlorfenapyr | | [c] | [a] |

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|
| Chlorfenvinphos | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Chlormequat (*) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Chlorobenzilate (***) | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Chlorothalonil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Chlorpropham (Chlorpropham u 3-Chloroaniline espressi bħala Chlorpropham) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Chlorpyriphos | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Chlorpyriphos-metil | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Clofentezin (total tal-komposti kollha li fihom it-2-Chlorbenzoyl-moiety espress bħala Clofentezin) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Clothianidin (total ta' Thiamethoxam u Clothianidin espress bħala Thiamethoxam) | | ([c]) | ([a]) |
| Cyfluthrin (Cyfluthrin li jinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (total tal-isomeri)) | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Cypermethrin (Cypermethrin li jinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (total tal-isomeri)) | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Cyproconazole (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Cyprodinil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| DTT (total ta' p,p′-Dtt, o,p′-Dtt, p-p′-DDE u p,p′ DDD (TDE) espress bħala DTT) | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Deltamethrin (cis-deltamethrin) | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Diazinon | ([b]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Dichlofluanid | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Dichlorvos | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Dicloran | | ([c]) | ([a]) |
| Dicofol (total ta' p, p′ u o,p′ isomeri) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Dieldrin (Aldrin u dieldrin kombinati espressi bħala dieldrin) | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Difenoconazole | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Dimethoate (total ta' Dimethoate u Omethoate espress bħala dimethoate) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Dimethomorph | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Dinocap (total tal-isomeri tad-dinocap u l-fenoli li jikkorrispondu magħhom espress bħala dinocap) | | ([c]) | ([a]) |
| Diphenylamine | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Endosulfan (total tal-isomeri alfa- u beta- u Endosulfan- sulphate espress bħala Endosulfan) | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Endrin | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Epoxiconazole | | ([c]) | ([a]) |
| Ethion | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Ethoprophos (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Fenamiphos (total ta' fenamiphos u s-sulphoxide u s-sulphone tiegħu espress bħala fenamiphos) (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Fenarimol | ([b]) | ([c]) | ([a]) |

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|
| Fenazaquin | | (c) | (a) |
| Fenbuconazole (***) | (b) | (c) | (a) |
| Fenhexamid | (b) | (c) | (a) |
| Fenitrothion | (b) | (c) | (a) |
| Fenoxycarb | (b) | (c) | (a) |
| Fenpropathrin (***) | (b) | (c) | (a) |
| Fenpropimorph | | (c) | (a) |
| Fenthion (total tal-fenthion u l-analogu tal-ossiġenu tiegħu, is-sulfoxides u s-sulfone tagħhom espress bħala ġenitur) | (d) | (c) (e) | (a) (f) |
| Fenvalerate/Esfenvalerate (total) (total ta' isomeri RS/SR u RR/SS) | (d) | (c) (e) | (a) (f) |
| Fipronil (total Fipronil + sulfon metabolit (MB46136) espress bħala Fipronil) | (b) | (c) | (a) |
| Fluazifop (Fluazifop P butyl (fluazifop aċidu (ħieles u konjugat))) | | (c) | (a) |
| Fludioxonil | (b) | (c) | (a) |
| Flufenoxuron | (b) | (c) | (a) |
| Fluquiconazole (***) | (b) | (c) | (a) |
| Flusilazole | (b) | (c) | (a) |
| Flutriafol (***) | (b) | (c) | (a) |
| Folpet | (b) | (c) | (a) |
| Formetanate (total ta' Formetanate u l-imluħa tiegħu espress bħala Formetanate idrokloru) | (b) | (c) | (a) |
| Fosthiazate (***) | (b) | (c) | (a) |
| Glyphosate (**) | | (c) | (a) |
| Haloxyfop li jinkludi haloxyfop-R (Haloxyfop-R methyl ester, haloxyfop-R u konjugi ta' haloxyfop-R espressi bħala haloxyfop-R) (F) (R) | | (c) | (a) |
| HCB | (d) | (e) | (f) |
| Heptachlor (total ta' heptachlor u heptachlor epoxide, espress bħala heptachlor) | (d) | (e) | (f) |
| Hexaklorcyclohexan (HCH), Alfa-Isomeru | (d) | (e) | (f) |
| Hexaklorcyclohexan (HCH), Beta-Isomeru | (d) | (e) | (f) |
| Hexaklorcyclohexan (HCH) Gamma-isomeru) (Lindane) | (d) | (e) | (f) |
| Hexaconazole | (b) | (c) | (a) |
| Hexythiazox | (b) | (c) | (a) |
| Imazalil | (b) | (c) | (a) |
| Imidacloprid | (b) | (c) | (a) |
| Indoxacarb (Indoxacarb bħala total tal-isomeri S u R) | (b) | (c) | (a) |
| Iprodione | (b) | (c) | (a) |
| Iprovalicarb | (b) | (c) | (a) |

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|
| Kresoxim-metil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Lambda-cyhalotrin (Lambda-cyhalotrin, li tinkludi komponenti isomeri mħallta oħra (total ta’ isomeri)) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Linuron | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Lufenuron | | ([c]) | ([a]) |
| Malathion (total ta’ Malathion u Malaoxon, espress bħala Malathion) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Grupp Maneb (total espress bħala CS2: Maneb, Mancozeb, Metiram, Propineb, Thiram, Ziram) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Mepanipyrim u l-prodotti metaboliċi tiegħu (2-anilino-4-(2-hydroxypropyl)-6-methylpyrimidine) espressi bħala mepanipyrim) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Mepiquat (*) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Metalaxyl (Metalaxyl li jinkludi taħlitiet ta’ isomeri kostitwenti li jinkludu Metalaxyl-M (total tal-isomeri)) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Metconazole (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Methamidophos | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Methidathion | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Methiocarb (total ta’ Methiocarb u Methiocarb Sulfoxide u Sulfone, espress bħala Methiocarb) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Methomyl (total ta’ Methomyl u Thiodicarb espress bħala Methomyl) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Methoxyfenozide | | ([c]) | ([a]) |
| Monocrotophos | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Myclobutanil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Oxadixyl | | ([c]) | ([a]) |
| Oxamyl | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Oxydemeton-methyl (total ta’ Oxydemeton-Metil u Demeton-S-Methylsulfone espress bħala Oxydemeton Metil) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Paclobutrazole (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Parathion | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Parathion-Metil (total ta’ Parathion Methyl u Paraoxon-Metil espress bħala Parathion-Metil) | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Penconazole | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Pendimethalin | | ([c]) | ([a]) |
| Permethrin (total ta’ cis- u trans-permethrin) | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Phenthoate | | ([c]) | ([a]) |
| Phosalone | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Phosmet (Phosmet u Phosmet oxon espressi bħala Phosmet) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| phoxim (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Pirimicarb (total ta’ Pirimicarb u Desmethylpirimicarb espress bħala Pirimicarb) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Pirimiphos-metil | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|
| Prochloraz (total ta' Prochloraz + u l-metaboliti tiegħu li fihom it-2,4,6-Trichlorophenol moiety espress bħala Prochloraz) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Procymidone | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Profenofos | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |
| Propamocarb (total ta' Propamocarb u l-imluħa tiegħu espress bħala Propamocarb) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Propargite | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Propiconazole | | ([c]) | ([a]) |
| Propyzamide | | ([c]) | ([a]) |
| Prothioconazole (Prothioconazole-desthio) (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Pyrazophos | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Pyrethrins | | | ([a]) |
| Pyridaben | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Pyrimethanil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Pyriproxyfen | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Quinoxyfen | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Quintozene (total ta' Quintozen u Pentachloraniline espress bħala Quintozene) | | ([e]) | ([f]) |
| Resmethrin (total ta' isomeri) | ([d]) | ([e]) | ([f]) |
| Spinosad (total ta' Spinosyn A u Spinosyn D, espress bħala Spinosad) | | ([c]) | ([a]) |
| Spiroxamine | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tebuconazole | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tebufenozide | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tebufenpyrad | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tecnazene | | ([e]) | ([f]) |
| Teflubenzuron | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tefluthrin (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tetraconazole | | ([c]) | ([a]) |
| Tetradifon | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Thiabendazole | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Thiacloprid | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Thiophanate-metil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tolclofos-metil | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Tolylfluanid (total ta' Tolylfluanid u Dimethylaminosulfotoluidide espress bħala Tolilfluwanid) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Triadimefon u triadimenol (total ta' triadimefon u triadimenol) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Triazophos | ([b]) ([d]) | ([c]) ([e]) | ([a]) ([f]) |

| | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|
| Trichlorfon (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Trifloxystrobin | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Trifluralin | | ([c]) | ([a]) |
| Triticonazole (***) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |
| Vinclozolin (total ta' Vinclozolin u l-metaboliti kollha li fihom it-3,5-dichloraniniline moiety, espress bħala Vinclozolin) | ([b]) | ([c]) | ([a]) |

([a]) Fażola (friska jew iffriżata, mingħajr miżwed), zunnarija, ħjar, larinġ jew mandolin, lanġas, patata, ross, u spinaċi (friska jew iffriżata).
([b]) Brunġiel, banana, pastard, għeneb tal-mejda, meraq tal-larinġ, piżelli (friski/iffriżati, mingħajr miżwed), bżar (ħelu) u qamħ.
([c]) Tuffieħ, kaboċċi tar-ras, kurrat, ħass, tadam, ħawħ inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili; segala jew ħafur u frawli.
([d]) Butir, Bajda.
([e]) Ħalib, laħam tal-majjal.
([f]) Laħam tat-tajr, fwied (annimali bovini u annimali oħra li jixtarru, majjali u tajr).
(*) Klormekwat u mepikwat għandhom ikunu analizzati fiċ-ċereali (ħlief ir-ross), zunnarija, ħxejjex tal-frott u lanġas.
(**) Ċereali biss.
(***) Għandhom jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2009.

*ANNESS II*

L-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott li għandhom jittieħdu u jkunu analizzati minn kull Stat Membru.

| Stat Membru | Kampjuni | Stat Membru | Kampjuni |
|---|---|---|---|
| BE | 12 (*)<br>15 (**) | LU | 12 (*)<br>15 (**) |
| BG | 12 (*)<br>15 (**) | HU | 12 (*)<br>15 (**) |
| CZ | 12 (*)<br>15 (**) | MT | 12 (*)<br>15 (**) |
| DK | 12 (*)<br>15 (**) | NL | 17 |
| DE | 93 | AT | 12 (*)<br>15 (**) |
| EE | 12 (*)<br>15 (**) | PL | 45 |
| EL | 12 (*)<br>15 (**) | PT | 12 (*)<br>15 (**) |
| ES | 45 | RO | 17 |
| FR | 66 | SI | 12 (*)<br>15 (**) |
| IE | 12 (*)<br>15 (**) | SK | 12 (*)<br>15 (**) |
| IT | 65 | FI | 12 (*)<br>15 (**) |
| CY | 12 (*)<br>15 (**) | SE | 12 (*)<br>15 (**) |
| LV | 12 (*)<br>15 (**) | UK | 66 |
| LT | 12 (*)<br>15 (**) | | |

**NUMRU TOTALI MINIMU TA' KAMPJUNI: 642**

(*) Numru minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu uniku.
(**) Numru minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu multiplu.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KE) Nru 1214/2008

## tal-5 ta' Diċembru 2008

## li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 162(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2006 tal-10 ta' Novembru 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 f'dak li jirrigwarda l-iffissar l-għoti tar-rifużjonijiet aġġustati għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' ċerti spirti tax-xorb ([2]) [titlu mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jipprovdi illi l-kwantitajiet taċ-ċereali eliġibbli għar-rifużjoni għandhom ikunu l-kwantitajiet ta' ċereali mqiegħda taħt il-kontroll u ddistillati, b'koeffiċjent li jiġi ffissat kull sena għal kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. Il-koeffiċjent għandu jesprimi r-relazzjoni bejn il-kwantitajiet totali esportati u l-kwantitajiet imqiegħda fis-suq tal-ispirtu tax-xorb ikkonċernat, abbażi tax-xejra osservata f'dawn il-kwantitajiet matul l-għadd ta' snin li jikkorrispondi mal-perjodu medju taż-żmien tal-maturazzjoni tal-ispirtu tax-xorb ikkonċernat.

(2) Abbażi tat-tagħrif fornut mill-Irlanda u li jirrigwarda l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007, dan il-perjodu medju tal-maturazzjoni fl-2007 kien ta' ħames snin għall-Irish whiskey.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu ffissati l-koeffiċjenti għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009.

(4) L-Artikolu 10 tal-Protokoll 3 mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jipprekludi l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn il-Liechtenstein, l-Iżlanda u n-Norveġja. Barra minn hekk, il-Komunità kkonkludiet ftehimiet ma' ċerti pajjiżi terzi li jabolixxu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Għalhekk jeħtieġ li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, dan jitqies fil-kalkolu tal-koeffiċjenti għall-perjodu 2008/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009, il-koeffiċjenti pprovduti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, applikabbli għaċ-ċereali użati fl-Irlanda fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 33.

*ANNESS*

**Il-koeffiċjenti applikabbli fl-Irlanda**

| Perjodu ta' applikazzjoni | Koeffiċjent applikabbli | |
|---|---|---|
| | għax-xgħir utilizzat fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, kategorija B [1] | għaċ-ċereali utilizzati fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, kategorija A |
| Mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009 | 0,086 | 0,150 |

[1] Inkluż ix-xgħir ipproċessat f'malt.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1215/2008

## tal-5 ta' Diċembru 2008

## li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-Komunità għax-xgħir tal-maltu minn pajjiżi terzi u li jieħu d-deroga minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007

**(Verżjoni kodifikata)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 t'Ottubru fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/444/KE tat-22 ta' Frar 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tan-negozjati rigward l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT [3] u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2377/2002 tas-27 ta' Diċembru 2002 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-Komunità għax-xgħir tal-maltu minn pajjiżi terzi u li jieħu d-deroga minn Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/1992 [4] ġie emendat kemm-il darba [5] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Wara negozjati dwar il-kummerċ, il-Komunità bidlet il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' qamħ komuni ta' kwalità baxxa u medja u ta' xgħir billi ikkreat kwoti ta' importazzjoni. Għax-xgħir, il-Komunità iddeċidiet li tissostitwixxi s-sistema tal-"marġini ta' preferenza" b'żewġ kwoti ta' tariffa: kwota ta' tariffa waħda ta' 50 000 tunnellata metrika għax-xgħir tal-maltu u kwota ta' tariffa waħda ta' 300 000 għax-xgħir. Dan ir-Regolament jikkonċerna il-kwota tat-tariffa ta' 50 000 tunnellata metrika ta' xgħir tal-maltu.

(3) Skond l-impenni internazzjonali tal-Komunità, xgħir tal-maltu għall-importazzjoni għandu jkun intiż għall-użu fil-manifattura ta' birra fil-bittijiet li fihom il-fagu. F'dan il-każ, għandhom ikunu adottati disposizzjonijiet dwar il-kriterji ta' kwalità għax-xgħir u għal ħtiġiet ta' proċessar simili għal dawk ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2001 tat-22 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati biex ikun applikat Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 822/2001 u li jipprovdi għar-rimborż parzjali ta' dazju fuq l-importazzjoni impost fuq kwota ta' xgħir għall-maltu [6].

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffa ta' importazzjoni għal prodotti agrikoli amministrati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [7] tapplika għal liċenzji ta' importazzjoni għal perjodi ta' kwoti ta' tariffa li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 japplika mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet jew derogazzjonijiet addizzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti b'dan ir-Regolament.

(6) Biex ikun assigurat li importazzjoni tax-xgħir taħt din il-kwota ta'tariffa huma fl-ordni u mhux spekulattivi, dawn għandhom ikunu magħmula soġġetti għall-ħruġ ta' liċenzi ta' importazzjoni.

(7) Biex tkun assigurata l-amministrazzjoni xierqa ta' din il-kwota, għandhom ikunu stabbiliti termini perentorji għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal liċenzi u għandha tkun speċifikata l-informazzjoni li tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet u l-liċenzi.

(8) Biex ikunu kkunsidrati il-kondizzjonijiet ta' provvista (jew fornitura), għandha ssir deroga dwar il-perjodu ta' validità tal-liċenzi.

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.
(3) ĠU L 169, 29.6.2007, p. 53.
(4) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 95.
(5) Ara l-Anness II.
(6) ĠU L 168, 23.6.2001, p. 12.
(7) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

(9) In konsiderazzjoni ta' l-obbligazzjoni li jkun applikat livell għoli ta' garanzija biex tkun assigurata amministrazzjoni adekwata tal-kwota u li din il-garanzija għandha tkun tapplika matul il-perjodu kollu ta' l-ipproċessar, hu adekwat li jkunu eżenti l-importaturi li l-kunsinji tagħhom ta' xgħir tal-maltu ikunu akkumpanjati minn ċertifikat ta' konformità miftiehem ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond il-proċedura ta' kooperazzjoni amministrattiva prevista fl-Artikolu 63, 64 u 65 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju [1].

(10) Biex tkun assigurata amministrazzjoni b'saħħita ta' din il-kwota, is-sigurtà fuq il-liċenzi ta' importazzjoni għandhom ikunu stabbiliti f'livell relattivament għoli, minkejja l-Artikolu 12 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross [2].

(11) Komunikazzjoni rapida bejn iż-żewġ naħat għandha tkun stabbilita bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri rigward il-kwantitajiet li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet u li jkunu ġew importati.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Minkejja l-Artikolu 135 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-dazju fuq importazzjoni għax-xgħir tal-maltu li jaqa' taħt kodiċi NM ex 1003 00 għandu jkun stabbilit fil-qafas tal-kwota miftuħa minn dan ir-Regolament.

L-Artikolu 135 ta' Regolamenti (KE) Nru 1234/2007 għandu jgħodd għal importazzjoni tal-prodotti msemmija f'dan ir-Regolament bħala eċċess tal-kwantità prevista fl-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

1. Kwota ta' tariffa fuq l-importazzjoni ta' 50 000 tunnellata metrika ta' xgħir tal-maltu li taqa' taħt kodiċi NM 1003 00 biex tintuża fil-manifattura ta' birra fil-bittijiet li fihom il-fagu hi hawnhekk miftuħa fl-1 ta' Jannar ta' kull sena. Il-kwota għandha n-numru ta' serje 09.4061.

2. Dazji fuq l-importazzjoni fil-qafas tal-kwota tat-tariffa għandhom ikunu imposti bir-rata ta' EUR 8 kull tunnellata metrika.

3. Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 376/2008 [3] u r-Regolamenti (KE) Nri 1342/2003 u 1301/2006 għandhom japplikaw għajr għal dispożizzjonijiet kuntrarji previsti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Għal għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

(a) "żerriegħa mħassra" tfisser żerriegħa ta' xgħir, ċereali oħra jew ħafur li juru ħsara inkluż deterjorament kawżat minn mard, ġlata, sħana, insetti jew fungus, maltemp u kull forom oħra ta' ħsara fiżika;

(b) "xgħir negozjabbli b'saħħtu u sabiħ" tfisser żerriegħa tax-xgħir jew biċċiet ta' żerriegħa li mhumiex imħassra kif imfisser f'punt (a), bl-eċċezzjoni ta' żerriegħa imħassra minn ġlata jew fungus.

*Artikolu 4*

1. Il-benefiċċju tal-kwota ta' tariffa għandu jkun mogħti sakemm ix-xgħir importat jissodisfa dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) piż speċifiku: minimu 60,5 kg/hl;

(b) żerriegħa mħassra: massimu 1 %;

(ċ) ndewwa: massimu 13,5 %;

(d) xgħir negozjabbli b'saħħtu u sabiħ: minimu 96 %.

2. Konformità mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tiġi ċertifikata permezz ta' wieħed minn dawn id-dokumenti li ġejjin:

(a) ċertifikat ta' analiżi magħmul wara talba ta' l-impurtatur mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni libera, jew

(b) ċertifikat ta' konformità għax-xgħir importat maħruġ minn awtorità governattiva tal-pajjiż ta' oriġini u rikonoxxut mill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

1. Il-benefiċċju ta' aċċess għal din il-kwota għandu jingħata sakemm dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mwettqa:

(a) ix-xgħir importat għandu jkun konverti f'maltu fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni libera;

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[2] ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.
[3] ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

(b) il-maltu li jirriżulta għandu jiġi użat fil-manifattura ta' birra fil-bittijiet li fiha il-fagu fi żmien mhux aktar minn 150 ġurnata wara id-data li fiha ix-xgħir ikun proċessat f'maltu.

2. Applikazzjonijiet għal liċenzi għall-importazzjoni taħt il-kwota ta' tariffa għandhom ikunu aċċettati biss jekk huma akkumpanjati minn:

(a) prova jew provi previsit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006;

(b) prova li l-applikant għamel garanzija ta' EUR 85 kull tunnellata metrika ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. F'każ li l-kunsinni ta' xgħir tal-maltu huma akkumpanjati minn ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-Federal Grain Inspection Service (is-Servizz tal-Inspettorat Federali fuq Iż-Żerriegħa, 'il quddiem imsejjaħ FGIS) kif imsemmi fl-Artikolu 7, il-garanzija hi mnaqqsa għal EUR 10 kull tunnellata metrika;

(ċ) garanzija bil-miktub mill-applikant li l-merkanzija importata kollha sejra tkun proċessata, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dħul għaċ-ċirkolazzjoni libera, f'maltu għall-użu fil-manifattura ta' birra fil-bittijiet li fihom fagu fi żmien 150 ġurnata wara d-data li fiha ix-xgħira kien proċessat f'maltu. Hu għandu jispeċifika il-post ta' l-ipproċessar billi jikkwota jew ditta ta' l-ipproċessar u Stat Membru jew massimu ta' ħames impjanti ta' l-ipproċessar. Qabel ma l-merkanzija tkun kunsinnata għall-ipproċessar kopja ta' kontroll T5 għandha tkun magħmula mill-uffiċċju doganali skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93. L-informazzjoni rikjesta fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt u l-isem u l-post ta' l-impjant ta' ppoċessar għandhom jingħataw f'kaxxa 104 tat-T5.

3. L-ipproċessar tax-xgħir importat f'maltu għandu jkun meqjus li sar meta ix-xgħir konvertit f'maltu għadda mill-proċess ta' *steeping*. L-użu tal-maltu biex tkun manifatturata il-birra fil-bittijiet li fihom il-fagu fi żmien mhux aktar minn 150 ġurnata wara d-data li fiha ix-xgħir ikun proċessat f'maltu għandu jkun soġġett għal verifikazzjoni mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 6*

1. Il-garanzija prevista fl-Artikolu 5(2)(b) għandha tkun rilaxxata sakemm dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mwettqa:

(a) il-kwalità tax-xgħir, stabbilita fuq il-bażi taċ-ċertifikat ta' konformità jew ċertifikat ta' analiżi, tissodisfa il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(1),

(b) l-applikant taċ-ċertifikat jipprovdi prova ta' l-użu spċifiku finali imsemmi fl-Artikolu 5(1), li jiċċertifika li dan l-użu kien magħmul fil-limitu taż-żmien previst fil-garanzija bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 5(2)(ċ). Li prova, possibilment fil-forma tal-kopja tal-kontroll it-T5, għandha turi għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn saret l-importazzjoni li l-kwantitajiet kollha importati ġew proċessati fil-prodott imsemmi fl-Artikolu 5(2)(ċ).

2. Fejn il-kriterji ta' kwalità u/jew il-kondizzjonijiet relatati ma' l-iproċċessar kif stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament ma' jkunux mħarsa, il-garanzija tal-licenzi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(a) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003 u l-garanzija addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2)(b) ta' dan ir-Regolament tintilef.

*Artikolu 7*

Kampjun vojt taċ-ċertifikati li għandhom jiġu maħruġa mill-FGIS hu provdut fl-Anness I. Ċertifikati maħruġa mill-FGIS għal xgħir tal-maltu destinat li jkun użat fil-manifattura ta' birra fil-bittijiet li fihom il-fagu għandhom ikunu uffiċjalment rikonoxxuti mill-Kummissjoni skond il-proċeduri amministrattivi ta' kooperazzjoni kif previst fl-Artikoli 63, 64 u 65 ta' Regolament (KEE) Nru 2454/93. Meta il-parametri analitiċi mdaħħlin fiċ-ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-FGIS juri konformità ma' l-istandards ta' kwalità tax-xgħir tal-maltu stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għandhom jittieħdu mill-anqas kampjuni ta' 3 % tat-tagħbijiet li jaslu f'kull port ta' dħul matul is-sena tas-suq. Riproduzzjoni tat-timbru awtorizzati mill-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom ikunu pubblikati fis-serje Ċ ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 8*

1. Minkejja l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti ma jistgħux jissottomettu iktar minn liċenzja waħda fix-xahar. Fejn l-applikanti jissottomettu iktar minn applikazzjoni waħda, l-ebda waħda minnhom ma tkun ammissibbli u l-garanziji mogħtija meta ġew sottomessi l-applikazzjonijiet jiġu mitlufa favur l-Istat Membru kkonċernat.

Applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni għandhom jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mhux aktar tard mit-tieni Ġimgħa tax-xahar fis-13.00 (ħin ta' Brussell).

2. Kull applikazzjoni għal liċenzja għandha tindika kwantita' f'kilogrammi (numri sħaħ).

3. Sa mhux aktar tard mit-Tnejn ta' wara l-ġimgħa tat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu elettronikament lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mis-18:00 ħin ta' Brussell, komunikazzjoni li tinnotifika kull applikazzjoni bil-kwantità mitluba, inklużi l-komunikazzjonijiet "nulli".

4. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fir-raba’ ġurnata tax-xogħol wara d-data ta’ skadenza għall-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

Dakinhar tal-ħruġ tal-liċenzji ta’ l-importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw elettronikament lill-Kummissjoni l-informazzjoni rigward il-liċenzji li jkunu nħarġu, imsemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, bil-kwantitajiet totali li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji ta’ l-importazzjoni.

*Artikolu 9*

Liċenzi għal importazzjoni għandhom ikunu validi għal 60 jum mill-ġurnata tal-ħruġ. Skond l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-perjodu ta’ validità tal-liċenza għandu jkun ikkalkulat mid-data tal-ħruġ attwali.

*Artikolu 10*

Fit-Taqsima 20 ta’ l-applikazzjoni għal liċenzja ta’ importazzjoni għandu jkun hemm l-isem tal-prodott proċessat li għandu jkun magħmul miċ-ċereali kkonċernati.

*Artikolu 11*

Ir-Regolament (KE) Nru 2377/2002 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 12*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

*ANNESS I*

**Ċertifikat vojt ta' konformità awtorizzata mill-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal barli mmalltjat destinat biex jintuża għall-manifattura tal-birra staġjonata fil-vaski tal-fagu**

FGIS FORM 909-L
FEB 90

APPROVED OMB NO. 0580-0013

UNITED STATES DEPARTMENT OF AGRICULTURE
FEDERAL GRAIN INSPECTION SERVICE

**U.S. GRAIN STANDARDS ACT**
**OFFICIAL EXPORT GRAIN INSPECTION CERTIFICATE**

**ORIGINAL**
NOT NEGOTIABLE

ISSUED AT

DATE OF SERVICE

I certify that I am licensed or authorized under the United States Grain Standards Act (7 U.S.C. 71 et seq.) to inspect the kind of grain covered by this certificate and that on the above date the following identified grain was inspected under the Act, with the following results:

☐ Original Inspection ☐ Reinspection ☐ Appeal Inspection ☐ Board Appeal Inspection

QUANTITY (This is NOT a Weight Certificate)

| LOCATION | IDENTIFICATION OF CARRIER |
|---|---|
| | |

GRADE AND KIND (In accordance with the Official Grain Standards of the United States)

STOWAGE

REMARKS

Damaged Grains:
Sound and fair merchantable barley:
Test weight (kg/hl):
Moisture:

| APPEAL NO (If applicable) | APPLICANT | NAME AND SIGNATURE |
|---|---|---|
| | | |

This certificate is issued under the authority of the United States Grain Standards Act, as amended (7 U.S.C. 71 et seq.), and the regulations thereunder (7 CFR 800.0 et seq.). It is issued to show the kind, class, grade, quality, condition, or quantity of grain, or the condition of a carrier or container for the storage or transportation of grain, or other facts relating to grain as determined by official personnel. The statements on the certificate are considered true at the time and place the inspection or weighing service was performed. The certificate is not considered representative of the lot if the grain is transshipped or is otherwise transferred from the identified carrier or container or if grain or other material is added to or removed from the total lot. If this certificate is not canceled by a superseding certificate, it is receivable by all officers and all courts of the United States as prima facie evidence of the truth of the facts stated therein. This certificate does not excuse failure to comply with the provisions of the Federal Food, Drug, and Cosmetic Act, or other Federal law.

WARNING: *Any person who shall knowingly falsely make, issue, alter, forge, or counterfeit this certificate, or participate in any such actions, or otherwise violate provisions in the U.S. Grain Standards Act, the U.S. Warehouse Act, or related Federal laws is subject to criminal, civil, and administrative penalties.*

*The conduct of all services and the licensing of personnel under the regulations governing such services shall be accomplished without discrimination as to race, color, religion, sex, national origin, age, or handicap.*

**EXPORT**

*ANNESS II*

**Regolament imħassar flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2377/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 95) | |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 159/2003 (ĠU L 25, 30.1.2003, p. 37) | |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 626/2003 (ĠU L 90, 8.4.2003, p. 32) | |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2003 (ĠU L 158, 27.6.2003, p. 23) | |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50) | l-Artikolu 13 biss |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2022/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 70) | l-Artikolu 2 biss |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1456/2007 (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 76) | l-Artikolu 3 biss |

*ANNESS III*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 2377/2002 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 u 2 | Artikolu 1 u 2 |
| Artikolu 4 | Artikolu 3 |
| Artikolu 5 | Artikolu 4 |
| Artikolu 6 | Artikolu 5 |
| Artikolu 7 | Artikolu 6 |
| Artikolu 8 | Artikolu 7 |
| Artikolu 9 | Artikolu 8 |
| Artikolu 10 | Artikolu 9 |
| Artikolu 13 | Artikolu 10 |
| — | Artikolu 11 |
| Artikolu 14, l-ewwel paragrafu | Artikolu 12 |
| Artikolu 14, it-tieni paragrafu | — |
| Anness I | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1216/2008**

**tal-5 ta’ Diċembru 2008**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x’jaqsmu mal-Liberja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x’jaqsmu mal-Liberja ([1]), u partikolarment l-Artikolu 11 (a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004 jelenka l-persuni, korpi u entitajiet fiżiċi u ġuridiċi li huma koperti mill-iffriżar ta’ fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Fit-2 u fl-24 ta’ Ottubru u fl-10 ta’ Novembru 2008, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista ta’ persuni, gruppi u entitajiet li fuqhom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk l-Anness I għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004 qiegħed jiġi emendat kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

([1]) ĠU L 162, 30.4.2004, p. 32.

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-persuna fiżika li ġejja għandha titneħħa:

"Charles R. Bright. Data tat-twelid: 29.8.1948. Informazzjoni oħra: eks Ministru tal-Finanzi."

(2) L-annotazzjoni "Ali Kleilat. Data tat-twelid: 10.7.1970. Post tat-twelid: Bejrut. Ċittadinanza: Libaniża" għandha tinbidel bi:

"Ali **Kleilat** (magħruf ukoll bħala (a) Ali **Qoleilat**, (b) Ali **Koleilat Delbi**). Data tat-twelid: 10.7.1970. Post tat-twelid: Bejrut. Ċittadinanza: Libaniża. Nru tal-Passaport: 0508734. Nru tar-Reġistru Nazzjonali: 2016, Mazraa. Informazzjoni oħra: Negozjant, involut f'kunsinni ta' armi lil Charles Taylor fl-2003. Għad għandu rabtiet mal-eks President Liberjan Charles Taylor."

(3) L-annotazzjoni "Agnes Reeves Taylor (magħrufa wkoll bħala Agnes Reeves-Taylor). Data tat-twelid: 27.9.1965. Ċittadinanza: Liberjana. Informazzjoni oħra: eks mart l-eks President Charles Taylor. Eks Rappreżentanta Permanenti tal-Liberja għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Eks membru għoli tal-Gvern Liberjan" għandha tinbidel bi:

"Agnes Reeves **Taylor** (magħrufa wkoll bħala **Agnes Reeves-Taylor**). Data tat-twelid: 27.9.1965. Ċittadinanza: Liberjana. Informazzjoni oħra: (a) Eks mart l-eks President Charles Taylor li għad għandha rabtiet miegħu; (b) Eks Rappreżentanta Permanenti tal-Liberja għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali; Eks Membru Għoli tal-Gvern Liberjan. (c) Bħalissa residenti fir-Renju Unit."

(4) L-annotazzjoni "Charles Ghankay Taylor (magħruf ukoll bħala Charles MacArthur Taylor). Data tat-twelid: (a) 1.9.1947, (b) 28.1.1948. Informazzjoni oħra: eks President tal-Liberja" għandha tinbidel bi:

"Charles Ghankay **Taylor** (magħruf ukoll bħala (a) Charles MacArthur **Taylor**, (b) Jean-Paul Some, (c) Jean-Paul Sone). Data tat-twelid: (a) 1.9.1947, (b) 28.1.1948. Informazzjoni oħra: (a) Eks President tal-Liberja, (b) Attwalment għaddej ġuri fl-Aja."

(5) L-annotazzjoni "Charles 'Chuckie' Taylor (Junior). Informazzjoni oħra: iben l-eks President tal-Liberja Charles Taylor" għandha tinbidel bi:

"Charles **Taylor** (Junior) (magħruf ukoll bħala (a) Chuckie **Taylor** (b) Charles McArthur Emmanuel Roy M. Belfast, (c) Junior Charles **Taylor** II). Informazzjoni oħra: (a) Kollega, konsulent u iben l-eks President Liberjan Charles Taylor b'kuntatti miegħu sal-lum, (b) Bħalissa għaddej ġuri fl-Istati Uniti tal-Amerika)."

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2008/99/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tad-19 ta’ Novembru 2008

### dwar il-protezzjoni ta’ l-ambjent permezz tal-liġi kriminali

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 174(2) tat-Trattat, il-politika tal-Komunità dwar l-ambjent għandha timmira għal livell għoli ta’ protezzjoni.

(2) Il-Komunità hija mħassba biż-żieda fir-reati ambjentali u bl-effetti tagħhom, li qegħdin b’mod dejjem jiżdied jinfirxu lil hinn mill-fruntieri ta’ l-Istati li fihom huma mwettqa r-reati. Dawn ir-reati joħolqu theddida lill-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq.

(3) L-esperjenza wriet li s-sistemi eżistenti ta’ pieni ma kienux suffiċjenti biex tinkiseb osservanza sħiħa tal-liġijiet għall-protezzjoni ta’ l-ambjent. Din l-osservanza tista’ u għandha tiġi msaħħa permezz tad-disponibbilita’ ta’ pieni kriminali, li jixhdu diżapprovazzjoni soċjali ta’ natura kwalitattiva differenti meta mqabbla ma’ pieni amministrattivi jew xi mekkaniżmu ta’ ħlas ta’ kompens skond il-liġi ċivili.

(4) Ir-regoli komuni dwar ir-reati kriminali jippermettu li jintużaw metodi effettivi ta’ investigazzjoni u ta’ għajnuna fi ħdan u bejn l-Istati Membri.

(5) Sabiex tinkiseb protezzjoni ta’ l-ambjent effettiva, hemm bzonn partikolari ta’ pieni aktar dissważivi għal attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent, li tipikament jikkaġunaw jew x’aktarx li jikkaġunaw ħsara sostanzjali lill-arja, inkluż l-istratosfera, lill-ħamrija, l-ilma, l-annimali jew il-pjanti, inkluż lill-konservazzjoni ta’ l-ispeċi.

(6) In-nuqqas ta’ osservanza ta’ obbligu ġuridiku li tittieħed azzjoni jista’ jkollu l-istess effett bħal imġiba attiva u għalhekk għandu wkoll jiġi soġġett għal pieni korrispondenti.

(7) Għaldaqstant, tali mġiba għandha titqies bħala reat kriminali fil-Komunità kollha meta titwettaq b’intenzjoni jew b’negliġenza serja.

(8) Il-leġislazzjoni elenkata fl-Annessi għal din id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet li għandhom ikunu soġġetti għal miżuri tal-liġi kriminali sabiex ikun żgurat li r-regoli dwar il-protezzjoni ta’ l-ambjent ikunu effettivi għal kollox.

(9) L-obbligi ta’ din id-Direttiva jirrigwardaw biss id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni elenkata fl-Annessi għal din id-Direttiva li jinvolvu l-obbligu ta’ l-Istati Membri li, fl-implimentazzjoni ta’ dik il-leġislazzjoni, jipprovdu miżuri projbittivi.

(10) Din id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu pieni kriminali fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja dwar il-protezzjoni ta’ l-ambjent. Din id-Direttiva ma toħloq l-ebda obbligu fir-rigward ta’ l-applikazzjoni ta’ pieni bħal dawn, jew kwalunkwe sistema disponibbli oħra ta’ l-infurzar tal-liġi, f’każijiet individwali.

([1]) ĠU C 10, 15.1.2008, p. 47.

([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta’ Mejju 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 2008

(11) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal sistemi oħra ta’ responsabbiltà għal ħsara ambjentali skond il-liġi Komunitarja jew il-liġi nazzjonali.

(12) Peress li din id-Direttiva tipprevedi regoli minimi, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu miżuri aktar stretti dwar il-protezzjoni effettiva ta’ l-ambjent permezz tal-liġi kriminali. Tali miżuri għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattat.

(13) L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, sabiex din tkun tista’ tevalwa l-effett ta’ din id-Direttiva.

(14) Peress li l-għan ta’ din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi żgurata protezzjoni ta’ l-ambjent aktar effettiva, ma jistax jinkiseb b’ mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista’, għalhekk, minħabba fl-iskala u l-effetti ta’ din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista’ tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(15) Kull meta tiġi adottata leġislazzjoni suċċessiva dwar kwistjonijiet ambjentali, din għandha tispeċifika fejn xieraq li din id-Direttiva tapplika. Fejn ikun meħtieġ, l-Artikolu 3 għandu jiġi emendat.

(16) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji kif rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabilixxi miżuri relatati mal-liġi kriminali sabiex l-ambjent jiġi protett b’mod aktar effettiv.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta’ din id-Direttiva:

(a) “illegali” tfisser ksur:

(i) tal-leġislazzjoni adottata skond it-Trattat KE u elenkata fl-Anness A, jew

(ii) fir-rigward ta’ l-attivitajiet koperti mit-Trattat Euratom, il-leġislazzjoni adottata skond it-Trattat Euratom u elenkata fl-Anness B, jew

(iii) ta’ liġi, regolament amministrattiv ta’ Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta’ Stat Membru li tagħti effett lil-leġislazzjoni Komunitarja msemmija fi (i) jew (ii);

(b) “speċi protetti tal- fawna u l-flora selvaġġi” huma:

(i) għall-finijiet ta’ l-Artikolu 3(f) dawk li huma elenkati fi:

— l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([1]);

— l-Anness I u msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta’ April 1979 dwar il-konservazzjoni ta’ l-għasafar selvaġġi ([2]);

(ii) għall-finijiet ta’ l-Artikolu 3(g), dawk li huma elenkati fl-Annessi A jew B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta’ Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([3]);

(c) “ħabitat f’post protett”, tfisser kwalunkwe ħabitat ta’ speċi li għalihom żona hija kklassifikata bħala żona speċjali ta’ protezzjoni skond l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 79/409/KEE, jew kwalunkwe ħabitat naturali jew ħabitat ta’ speċi li għalihom sit jintgħażel bħala zona speċjali ta’ konservazzjoni skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 92/43/KEE;

(d) “persuna ġuridika” tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha dan l-istatus skond il-liġi nazzjonali applikabbli, ħlief għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità ta’ l-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 3*

**Reati**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali, meta tkun illegali u mwettqa b’mod intenzjonali jew ta’ l-anqas b’negliġenza serja:

(a) ir-rimi, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta’ kwantità ta’ materjali jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma, li jikkawżaw jew x’aktarx li jikkawżaw il-mewt jew feriment gravi lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità ta’ l-arja, il-kwalità tal-ħamrija jew il-kwalità ta’ l-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

([1]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([2]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
([3]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

(b) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru jew ir-rimi ta' l-iskart, inkluża s-superviżjoni ta' operazzjonijiet bħal dawn u l-manutenzjoni ta' wara ta' impjanti tar-rimi ta' l-iskart, u inkluża l-azzjoni meħuda bħala negozjant jew sensar (il-maniġġar ta' l-iskart), li tikkaġuna jew li x'aktarx tikkaġuna l-mewt jew feriment gravi lil kwalunkwe persuna, jew ħsara sostanzjali lill-kwalità ta' l-arja, il-kwalità tal-ħamrija jew il-kwalità ta' l-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(c) il-vjeġġi ta' skart, fejn din l-attività taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(35) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart [1] u mwettqa fi kwantità li mhix negliġibbli, kemm jekk issir fi vjeġġ uniku jew f'diversi vjeġġi li jidhru li jkunu konnessi;

(d) it-tħaddim ta' impjant li fih titwettaq attività perikoluża jew li fih jinħażnu jew jintużaw sustanzi jew preparazzjonijiet perikolużi u li, barra mill-impjant tikkawża jew x'aktarx li tikkawża l-mewt jew feriment gravi lil kwalunkwe persuna, jew ħsara sostanzjali lill-kwalità ta' l-arja, il-kwalità tal-ħamrija jew il-kwalità ta' l-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(e) il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-maniġġ, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjali nukleari jew ta' sustanzi radjoattivi oħra perikolużi, li jikkawżaw jew li x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew feriment gravi lil kwalunkwe persuna, jew ħsara sostanzjali lill-kwalità ta' l-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew il-kwalità ta' l-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(f) il-qtil, il-qerda, il-pussess jew it-teħid ta' kampjuni ta' speċi protetti tal-fawna jew flora selvaġġa, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' dawn il-kampjuni u jkollha impatt negliġibbli fuq l-istatus tal-konservazzjoni ta' l-ispeċi;

(g) il-kummerċ f'kampjuni ta' speċi protetti tal-fawna jew il-flora selvaġġa jew partijiet jew derivattivi tagħhom, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' dawk il-kampjuni u jkollha impatt negliġibbli fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi;

(h) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-deterjorament sinifikanti ta' ħabitat f'sit protett;

(i) il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu.

[1] ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

*Artikolu 4*

**Inċitament, għajnuna u kompliċità**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità ta' l-imġiba intenzjonali msemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli bħala reat kriminali.

*Artikolu 5*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jkunu punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 6*

**Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 fejn tali reati jiġu mwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, li taġixxi jew individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, abbażi ta':

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika,

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skond il-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu l-awturi, l-istigaturi jew il-kompliċi fir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

*Artikolu 7*

**Pieni għall-persuni ġuridiċi**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli skond l-Artikolu 6 jkunu punibbli b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 8*

## Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel is-26 ta' Diċembru 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva u tabella li tindika l-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

## Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 10*

## Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 19 ta' Novembru 2008.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS A*

**Lista ta' Leġislazzjoni Komunitarja adottata skond it-Trattat KE, li l-ksur tagħha tikkostitwixxi mġiba kontra l-liġi skond l-Artikolu 2 (a)(i) ta' din id-Direttiva**

— Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis fl-arja minn dak li joħroġ mill-vetturi bil-mutur ([1]);

— Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awwissu 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu minn magni diżil għall-użu fil-vetturi ([2]);

— Direttiva 75/439/KEE tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar ir-rimi ta' żejt użat ([3]);

— Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 dwar il-kwalità ta' l-ilma għall-għawm ([4]);

— Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ([5]);

— Direttiva tal-Kunsill 77/537/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti mill-magni diesel għall-użu fit-tratturi bir-roti użati għall-agrikoltura jew għall-forestrija ([6]);

— Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE ta' l-20 ta' Frar 1978 dwar l-iskart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju ([7]);

— Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi ([8]);

— Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi ([9]);

— Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE tat-22 ta' Marzu 1982 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi tal-kwalità għall-iskariki ta' merkurju mill-industrija ta' l-elettroliżi tal-kloruri alkalini ([10]);

— Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE tas-26 ta' Settembru 1983 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għall-iskariki tal-kadmju ([11]);

— Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE tat-8 ta' Marzu 1984 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għall-iskariki ta' merkurju minn setturi li mhumiex dawk ta' l-industrija ta' l-elettroliżi chlor-alkali ([12]);

— Direttiva tal-Kunsill 84/360/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 dwar il-ġlieda kontra t-tniġġiż fl-arja mill-impjanti industrijali ([13]);

— Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE tad-9 ta' Ottubru 1984 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għall-iskarikar ta' hexachlorocyclohexane ([14]);

([1]) ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1.
([2]) ĠU L 190, 20.8.1972, p. 1.
([3]) ĠU L 194, 25.7.1975, p. 23.
([4]) ĠU L 31, 5.2.1976, p. 1.
([5]) ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.
([6]) ĠU L 220, 29.8.1977, p. 38.
([7]) ĠU L 54, 25.2.1978, p. 19.
([8]) ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36.
([9]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
([10]) ĠU L 81, 27.3.1982, p. 29.
([11]) ĠU L 291, 24.10.1983, p. 1.
([12]) ĠU L 74, 17.3.1984, p. 49.
([13]) ĠU L 188, 16.7.1984, p. 20.
([14]) ĠU L 274, 17.10.1984, p. 11.

— Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta' Marzu 1985 dwar l-istandards ta' kwalità ta' l-arja għad-dijossidu tan-nitroġenu (1);

— Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (2);

— Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għall-iskariku ta' ċerti sustanzi perikolużi inklużi fil-Lista I ta' l-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE (3);

— Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE tad-19 ta' Marzu 1987 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-ambjent mill-asbestos (4);

— Direttiva tal-Kunsill 90/219/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar l-użu fil-magħluq ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (5);

— Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi (6);

— Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (7);

— Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (8);

— Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 fuq skart perikoluż (9);

— Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (10);

— Direttiva tal-Kunsill 92/112/KEE tal-15 Diċembru 1992 dwar proċeduri għall-armonizzar ta' programmi għat-tnaqqis u l-eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis ikkawżat mill-iskart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju (11);

— Direttiva 94/25/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni: id-dispożizzjonijiet emendati bid-Direttiva 2003/44/KE (12);

— Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (13);

— Direttiva 94/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz (14);

— Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija (15);

(1) ĠU L 87, 27.3.1985, p. 1.
(2) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6.
(3) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 16.
(4) ĠU L 85, 28.3.1987, p. 40.
(5) ĠU L 117, 8.5.1990, p. 1.
(6) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.
(7) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
(8) ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.
(9) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20.
(10) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
(11) ĠU L 409, 31.12.1992, p. 11.
(12) ĠU L 214, 26.8.2003, p. 18.
(13) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.
(14) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 24.
(15) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 25.

— Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT) ([1]);

— Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-istima u l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti ([2]);

— Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi ([3]);

— Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jigu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq ([4]);

— Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([5]);

— Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([6]);

— Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil ([7]);

— Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ([8]);

— Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u installazzjonijiet ([9]);

— Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali ([10]);

— Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma ([11]);

— Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi ([12]);

— Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw ([13]);

— Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([14]);

— Direttiva 2000/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000 dwar valuri ta' limitu għall-benżin u monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent ([15]);

---

(1) ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31.
(2) ĠU L 296, 21.11.1996, p. 55.
(3) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.
(4) ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1.
(5) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.
(6) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
(7) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.
(8) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.
(9) ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1.
(10) ĠU L 163, 29.6.1999, p. 41.
(11) ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.
(12) ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13.
(13) ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.
(14) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
(15) ĠU L 313, 13.12.2000, p. 12.

— Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart (1);

— Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu (2);

— Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (3);

— Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni (4);

— Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2002 dwar l-ożonu fl-arja ambjentali (5);

— Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (6);

— Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (7);

— Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (8);

— Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti (9);

— Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti (10);

— Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-appromissimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'compression ignition għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi (11);

— Direttiva tal-Kummissjoni 2005/78/KE ta' l-14 ta' Novembru 2005 li timplimenta d-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' gassijiet u partikulati li jniġġsu minn magni li jaħdmu b'compression ignitionli jintużaw fil-vetturi, u l-emissjoni ta' gassijiet li jniġġsu minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu fil-vetturi u li temenda l-Annessi I, II, III, IV u VI tagħha (12);

— Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma għall-għawm (13);

— Direttiva 2006/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akkwatiku tal-Komunità (14);

— Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (15);

(1) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.
(2) ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1.
(3) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.
(4) ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1.
(5) ĠU L 67, 9.3.2002, p. 14.
(6) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.
(7) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24.
(8) ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.
(9) ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1.
(10) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.
(11) ĠU L 275, 20.10.2005, p. 1.
(12) ĠU L 313, 29.11.2005, p. 1.
(13) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.
(14) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 52.
(15) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

— Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni ([1]);

— Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja f'vetturi bil-mutur ([2]);

— Direttiva 2006/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut ([3]);

— Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi ([4]);

— Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament ([5]);

— Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati ([6]);

— Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart ([7]);

— Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi ([8]);

— Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta' Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni għall-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni ta' l-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' l-iskart ma tapplikax ([9]);

— Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż ([10]).

---

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.
([2]) ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 264, 25.9.2006, p. 20.
([4]) ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.
([6]) ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.
([7]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.
([8]) ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.
([9]) ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.
([10]) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

*ANNESS B*

**Lista ta' leġislazzjoni komunitarja adottata skond it-trattat Euratom, li l-ksur tagħha jikkostitwixxi mġiba kontra l-liġi skond l-artikolu 2 (a)(ii) ta' din id-direttiva**

— Direttiva 96/29/Euratom tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti ([1]);

— Direttiva 2003/122/Euratom tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjuattivi siġillati ta' attività għolja ([2]);

— Direttiva 2006/117/Euratom tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit ([3]).

([1]) ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 346, 31.12.2003, p. 57.
([3]) ĠU L 337, 5.12.2006, p. 21.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 2008

## li temenda l-Parti 1 u l-Parti 2 tan-Network ta' Konsultazzjoni ta' Schengen (Speċifikazzjonijiet Tekniċi)

(2008/910/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 tal-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni rigward ċerti disposizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika tas-Slovenja,

Billi:

(1) In-network Vision ġie stabbilit biex jippermetti konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati sħab dwar applikazzjonijiet għal viża magħmulin minn ċittadini minn pajjiżi sensittivi.

(2) Sabiex jinkiseb approċċ pragmatiku u biex jiġi evitat piż żejjed fuq in-Network ta' Konsultazzjoni ta' Schengen billi jintbagħat għadd kbir ta' messaġġi ta' żbalji meta l-applikazzjoni MTA (Message Transfer Agent) ta' Stat Membru jkun jidher li huwa temporanjament inaċċessibbli, il-proċedura biex jerġa' jintbagħat għandha tiġi modifikata.

(3) Sabiex jiġi evitat l-użu inkonsistenti ta' kodiċijiet differenti għal tip ta' viża li jista' jwassal għal interpretazzjonijiet żbaljati fil-proċedura ta' konsultazzjoni ta' Schengen, jeħtieġ approċċ komuni meta l-viżi D + C ikunu soġġetti għall-proċedura ta' konsultazzjoni.

(4) B'kont meħud tal-kontributi minn Stati Membri differenti u sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' konsultazzjoni ta' Schengen, għandu jintuża kondiċi uniku għal kull tip ta' viża.

(5) Huwa meħtieġ li jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tan-Network ta' Konsultazzjoni ta' Schengen sabiex ikun żgurat li huma jirriflettu dan it-tibdil.

(6) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha tiddeċiedi, skont l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, fi żmien perijodu ta' sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jekk hijiex ser timplimenta d-Deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħha.

(7) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([2]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([3]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

([1]) ĠU L 116, 26.4.2001, p. 2.

([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

(8) Fir-rigward tal-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen ([1]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([2]) dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta’ dak il-Ftehim.

(9) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen, fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta’ Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta’ Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE ([3]) dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta’ ċerti dispożizzjonijiet ta’ dak il-Protokoll.

(10) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta’ Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq biex jieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen ([4]); għalhekk ir-Renju Unit m'huwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u m'huwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(11) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen li fih l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta’ Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen ([5]); għalhekk l-Irlanda m'hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(12) Rigward Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta’ Schengen jew li huwa diversament relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2003.

(13) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta’ Schengen jew li huwa diversament relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Parti 1 tan-Network ta’ Konsultazzjoni ta’ Schengen (Speċifikazzjonijiet Tekniċi) hija b'dan emendata kif jidher fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-Parti 2 tan-Network ta’ Konsultazzjoni ta’ Schengen (Speċifikazzjonijiet Tekniċi) hija b'dan emendata kif jidher fl-Annes II.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta’ Frar 2009.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri konformement mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 27 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

---

([1]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([2]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([5]) ĠU L 64, 7.3.2002,p. 20.

*ANNESS I*

Il-Parti 1 tan-Network ta' Konsultazzjoni ta' Schengen (Speċifikazzjonijiet Tekniċi) hija emendata kif ġej:

1. il-punt 1.2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1.2. AVAILABILITY OF THE TOTAL SYSTEM

As a matter of principle Vision is designed as a system running 24 hours a day, seven days a week. In the event of one of the connections breaking down, the MTA, the user agent, and if necessary, the national application, should have the capacity to store the data to be sent or received via the network for several days. Consequently, bearing in mind the estimated daily traffic and the potential increases in traffic due to political decisions on visa matters, the MTA, the user agent, and where necessary, the national application, must meet the following minimum requirements.

In addition, the MTA, the user agent and the national application must be able to cope with possible breakdowns of other partner systems. They must resend messages which have not been delivered, but not overload other partner systems by, for example, unnecessary repetition of messages which are thought to have been lost."

2. il-punt 1.2.1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1.2.1. *Strategy to Avoid and Reduce Breakdown-related Disruption*

If the system breaks down, operation must be resumed within 24 hours. To ensure that operations are resumed, the following minimum undertakings apply:

— The Schengen States are required to have a service contract guaranteeing repairs to, and/or replacement of, hardware and software.

— The Schengen States are required to have a backup system.

— The Schengen States are required to equip their MTA with a preventative peripheral device to compensate any power malfunctions.

— The Schengen States are required to guarantee that MTA and applications hardware and software are not cut off for any reason other than breakdown or maintenance. In case of regular maintenance, such as database backups, the maintenance slot shall not exceed a maximum of two hours.

— The Schengen States are to guarantee the availability of sufficient personnel during working hours to ensure operation of the MTA at the best possible rate.

— The Schengen States are required to distinguish clearly between the test environment and the operational environment; adapting the test environment should not affect the operational equipment and vice versa.

— Adaptations to the Schengen Consultation Network should always be tested in the test environment before being used in the operational environment.

In addition the system must be able to cope with the following amounts of data:

— store the equivalent of two days operations, i.e. maximum 100 Megabytes;

— send up to 30 000 messages and 30 000 delivery reports per day;

— receive up to 30 000 messages and 30 000 delivery reports per day.

In addition, each Schengen State must distinguish between 'retransmitting' and 'resending as a new message'. The term 're-send' in the next chapters (especially 1.2.2) covers both cases, but the following distinction must be made:

— 'retransmitting' means sending again the same message, usually subject to retransmission parameters of the MTA (e.g. sendmail, MS-Exchange, Lotus Notes). After each retransmission there are no more messages in the system, the first message is just transmitted again.

— 'resending as a new message' means, that a new message with the same content is prepared. The destination point might receive two different messages, but with the same content, if the first one was held in a queue somewhere.

Schengen States are invited to use the first possibility (retransmitting) wherever possible, to avoid the unnecessary multiplying of messages in the system.".

*ANNESS II*

Il-Parti 2 tan-Network ta' Konsultazzjoni ta' Schengen (Speċifikazzjonijiet Tekniċi) hija emendata kif ġej:

1. fil-punt 2.1.4, *l-intestatura* Nru 026 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

   "Heading No. 026: Type of visa format: code (2)

   Codification of the various types of visas defined in the Common Visa Instructions. The entire heading, or part of it, can be used for the visa sticker.

   *'B'* transit visas

   *'C'* short -stay visas

   *'DC'* long-stay visas valid concurrently as short-stay visas";

2. fil-punti 2.1.4 (Form A), 2.1.6 (Form C), 2.1.7 (Form F), il-kontenut tal-linja 026 fil-ħames kolonna tat-tabella ("Examples/Comments") għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "C {'B|'C'|'DC'}".

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-21 ta' Novembru 2008**

**li tistabbilixxi lista ta' sustanzi erbali, preparazzjonijiet erbali u kombinazzjonijiet tagħhom għal użu fi prodotti mediċinali erbali tradizzjonali**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6933)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/911/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(f) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini, ifformulati fis-7 ta' Settembru 2007 mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Erbali,

Billi:

(1) Il-*Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *vulgare* u l-*Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *dulce* (Miller) Thellung jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi Komunitarju rigward il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Il-*Foeniculum Vulgare Miller Subsp. Vulgare Var. Vulgare* u l-*Foeniculum Vulgare Miller Subsp. Vulgare Var. Dulce (Miller) Thellung* jistgħu jitqiesu bħala sustanzi erbali, preparazzjonijiet erbali u/jew kombinazzjonijiet tagħhom.

(2) Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi stabbilita lista ta' sustanzi erbali, preparazzjonijiet erbali u kombinazzjonijiet tagħhom għal użu fi prodotti mediċinali erbali tradizzjonali inkluż id-dħul ta' *Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *vulgare* u d-dħul ta' *Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *dulce* (Miller) Thellung.

(3) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Lista ta' sustanzi erbali, preparazzjonijiet erbali u kombinazzjonijiet tagħhom għal użu fi prodotti mediċinali erbali tradizzjonali hija stabbilita fl-Anness I inkluż id-dħul ta' *Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *vulgare* u d-dħul ta' *Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *dulce* (Miller) Thellung.

*Artikolu 2*

L-indikazzjonijiet, il-qawwa speċifikata u l-pożoloġija, il-mod ta' amministrazzjoni u kull tagħrif ieħor neċessarju għall-użu sikur bħala prodott mediċinali tradizzjonali rilevanti għal *Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *vulgare* u *Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *dulce* (Miller) Thellung huma stipulati fl-Anness II għal din id-deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Günter VERHEUGEN

*Viċi President*

---

([1]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.

*ANNESS I*

**Lista ta’ sustanzi erbali, preparazzjonijiet erbali u kombinazzjonijiet tagħhom għal użu fi prodotti mediċinali erbali tradizzjonali stabbiliti skond l-Artikolu 16f tad-Direttiva 2001/83/KE kif emendat bid-Direttiva 2004/24/KE**

*Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *vulgare* (Bużbież morr, frott)

*Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *dulce* (Miller) Thellung (Bużbież ħelu, frott)

*ANNESS II*

A.

**DAĦLA FIL-LISTA TAL-KOMUNITÀ DWAR *FOENICULUM VULGARE* MILLER SUBSP. *VULGARE* VAR. *VULGARE*, FRUCTUS**

**Isem xjentifiku tal-pjanta**

*Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *vulgare*

**Familja botanika**

Apiaceae

**Sustanza erbali**

Bużbież, morr

**Isem komuni fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE ta' sustanza erbali**

BG (bălgarski): Горчиво резене, плод

CS (čeština): Plod fenyklu obecného pravého

DA (dansk): Fennikel, bitter

DE (Deutsch): Bitterer Fenchel

EL (elliniká): Μαραθόσπορος πικρός

EN (English): Bitter fennel, fruit

ES (español): Hinojo amargo, fruto de

ET (eesti keel): Mõru apteegitill, vili

FI (suomi): Karvasfenkoli, hedelmä

FR (français): Fruit de fenouil amer

HU (magyar): Keserűédeskömény-termés

IT (italiano): Finocchio amaro (o selvatico), frutto

LT (lietuvių kalba): Karčiųjų pankolių vaisiai

LV (latviešu valoda): Rūgtā fenheļa augļi

MT (malti): Bużbież morr, frotta

NL (nederlands): Venkelvrucht, bitter

PL (polski): Owoc kopru włoskiego (odmiana gorzka)

PT (português): Fruto de funcho amargo

RO (română): Fruct de fenicul amar

SK (slovenčina): Feniklový plod horký

SL (slovenščina): Plod grenkega navadnega komarčka

SV (svenska): Bitterfänkål, frukt

*IS (íslenska): Bitur fennel aldin*

*NO (norsk): Fenikkel, bitter*

**Preparazzjoni(jiet) erbali**

Bużbież, morr, frotta mnixxfa u mfarrka [1]

**Referenza monografika tal-Farmakopea Ewropea**

Foeniculi amari fructus (01/2005:0824)

**Indikazzjoni(jiet)**

(a) Prodott mediċinali erbali tradizzjonali għall-kura sintomatika ta' lmenti gastro-intestinali ħfief, spażmodiċi inkluż nefħa u gass.

(b) Prodott mediċinali erbali tradizzjonali għall-kura sintomatika ta' spażmi żgħar assoċjati maċ-ċiklu mestrwali.

(ċ) Prodott mediċinali erbali tradizzjonali użat bħala espettorant f'sogħla assoċjata ma' rjieħat.

Il-prodott huwa prodott mediċinali erbali tradizzjonali biex jintuża f'indikazzjonijiet speċifikati bbażati esklużivament fuq użu fit-tul.

**Tip ta' tradizzjoni**

Ewropea, Ċiniża

**Qawwa speċifikata**

Jekk jogħġbok ara "Pożoloġija speċifikata".

(1) "Frotta mfarrka" hija intiża wkoll biex tkopri "frotta mgħaffġa".

**Pożoloġija speċifikata**

*Adulti*

Doża waħda

1,5 sa 2,5 g ta' frott tal-bużbież imfarrak ([1]) (frisk) b'0,25 l ta' ilma jagħli (ħallih joqgħod għal 15-il minuta) tliet darbiet kuljum bħala te erbali.

*Adoloxxenti ta' aktar minn 12-il sena* Indikazzjoni a)

Doża għall-adulti

*Tfal ta' bejn 4 u 12-il sena,* Indikazzjoni a)

Doża medja ta' kuljum

3-5 g ta' frott imfarrak (frisk) bħala te erbali, maqsum fi tliet dożi, għal użu fuq perjodu ta' żmien qasir f'sintomi temporanji ħfief biss (inqas minn ġimgħa)

Mhuwiex irrakkomandat li jintuża fuq tfal iżgħar minn 4 snin (ara s-sezzjoni 'Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu').

**Mod ta' amministrazzjoni**

Użu orali.

**Tul ta' żmien ta' l-użu jew restrizzjonijiet oħra fuq it-tul ta' żmien ta' l-użu**

*Adulti*

*Adoloxxenti ta' aktar minn 12-il sena* Indikazzjoni a)

Ma għandux jittieħed għal aktar minn ġimagħtejn.

*Tfal ta' bejn 4 u 12-il sena,* Indikazzjoni a)

Għal użu fuq perjodu ta' żmien qasir f'sintomi temporanji ħfief biss (inqas minn ġimgħa).

Jekk is-sintomi jibqgħu preżenti waqt l-użu tal-prodott mediċinali, għandu jiġi kkonsultat tabib jew prattikant kwalifikat fil-kura tas-saħħa.

**Kwalunkwe tagħrif ieħor meħtieġ għall-użu bla periklu**

*Kontraindikazzjonijiet*

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal Apiaceae (Umbelliferae) (anisi, karwija, karfus, kosbor u xibt) jew għal anetol.

*Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu*

L-użu fuq tfal iżgħar minn 4 snin mhuwiex rakkomandat minħabba n-nuqqas ta' *data* adegwata u għandu jinkiseb il-parir ta' pedjatra.

*Interazzjonijiet ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni*

Ebda interazzjoni rrapportata.

*Tqala u treddigħ*

M'hemm ebda *data* mill-użu ta' frott tal-bużbież f'pazjenti tqal.

Mhuwiex magħruf jekk il-kostitwenti tal-bużbież joħorġux fil-ħalib tas-sider uman.

Fin-nuqqas ta' *data* suffiċjenti, l-użu matul it-tqala u t-treddigħ mhuwiex irrakkomandat.

*Effetti fuq kapaċità ta' sewqan u tħaddim ta' magni*

Ma sar ebda studju fuq kapaċità ta' sewqan u tħaddim ta' magni.

---

([1]) Għal preparazzjoni kummerċjali ta' frott tal-bużbież imfarrak jew mgħaffeġ, l-applikant għandu jwettaq testijiet ta' l-istabbilità xierqa li għandhom x'jaqsmu mal-kontenut ta' komponenti ta' żjut essenzjali.

*Effetti mhux mixtieqa*

Jistgħu jseħħu reazzjonijiet allerġiċi għall-bużbież li jaffettwaw il-ġilda jew is-sistema respiratorja. Il-frekwenza mhijiex magħrufa.

Jekk iseħħu reazzjonijiet avversi oħra mhux imsemmija fuq, għandu jiġi kkonsultat tabib jew prattikant kwalifikat fil-kura tas-saħħa.

*Doża eċċessiva*

Ma ġie rrapportat ebda każ ta' doża eċċessiva.

*Tagħrif farmaċewtiku* [Jekk meħtieġ]

Mhux applikabbli.

*Effetti farmakoloġiċi jew l-effikaċja plawsibbli fuq il-bażi ta' użu u esperjenza fit-tul* [Jekk meħtieġ għall-użu bla periklu tal-prodott]

Mhux applikabbli.

B.

## DAĦLA FIL-LISTA TAL-KOMUNITÀ DWAR *FOENICULUM VULGARE* MILLER SUBSP. *VULGARE* VAR. *DULCE (MILLER) THELLUNG*, FRUCTUS

**Isem xjentifiku tal-pjanta**

*Foeniculum vulgare* Miller subsp. *vulgare* var. *dulce* (Miller) Thellung

**Familja botanika**

Apiaceae

**Sustanza erbali**

Bużbież, ħelu

**Isem komuni fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE ta' sustanza erbali**

BG (bălgarski): Сладко резене, плод

CS (čeština): Plod fenyklu obecného sladkého

DA (dansk): Fennikel, sød

DE (Deutsch): Süßer Fenchel

EL (elliniká): Μαραθόσπορος γλυκύς

EN (English): Sweet fennel, fruit

ES (español): Hinojo dulce, fruto de

ET (eesti keel): Magus apteegitill, vili

FI (suomi): Makea fenkoli, hedelmä

FR (français): Fruit de fenouil doux

HU (magyar): Édesköménytermés

IT (italiano): Finocchio dolce (o romano), frutto

LT (lietuvių kalba): Saldžiųjų pankolių vaisiai

LV (latviešu valoda): Saldā fenheļa augļi

MT (malti): Bużbież ħelu, frotta

NL (nederlands): Venkelvrucht, zoet

PL (polski): Owoc kopru włoskiego (odmiana słodka)

PT (português): Fruto de funcho doce

RO (română): Fruct de fenicul dulce

SK (slovenčina): Feniklový plod sladký

SL (slovenščina): Plod sladkega navadnega komarčka

SV (svenska): Sötfänkål, frukt

*IS (íslenska): Sæt fennel aldin*

*NO (norsk): Fenikkel, søt*

**Preparazzjoni(jiet) erbali**

Bużbież, ħelu, frotta mnixxfa u mfarrka [1] jew mitħuna

**Referenza monografika tal-Farmakopea Ewropea**

Foeniculi dulcis fructus (01/2005:0825)

**Indikazzjoni(jiet)**

(a) Prodott mediċinali erbali tradizzjonali għall-kura sintomatika ta' lmenti gastro-intestinali ħfief, spażmodiċi inkluż nefħa u gass.

(1) "Frotta mfarrka" hija intiża wkoll biex tkopri "frotta mgħaffġa".

(b) Prodott mediċinali erbali tradizzjonali għall-kura sintomatika ta' spażmi żgħar assoċjati maċ-ċiklu mestrwali.

(ċ) Prodott mediċinali erbali tradizzjonali użat bħala espettorant f'sogħla assoċjata ma' rjieħat.

Il-prodott huwa prodott mediċinali erbali tradizzjonali biex jintuża f'indikazzjonijiet speċifikati bbażati esklużivament fuq użu fit-tul.

**Tip ta' tradizzjoni**

Ewropea, Ċiniża

**Qawwa speċifikata**

Jekk jogħġbok ara "Pożoloġija speċifikata".

**Pożoloġija speċifikata**

*Adulti*

Doża waħda

1,5 sa 2,5 g ta' frott tal-bużbież imfarrak ([1]) (frisk) b'0,25 l ta' ilma jagħli (ħallih joqgħod għal 15-il minuta) tliet darbiet kuljum bħala te erbali.

Trab tal-bużbież: 400 mg 3 darbiet kuljum (b'massimu ta' 2 g kuljum)

*Adoloxxenti ta' aktar minn 12-il sena* Indikazzjoni a)

Doża għall-adulti

*Tfal ta' bejn 4 u 12-il sena,* Indikazzjoni a)

Doża medja ta' kuljum

3-5 g ta' frott tal-bużbież imfarrak (frisk) bħala te erbali, maqsum fi tliet dożi, għal użu fuq perjodu ta' żmien qasir għal użu f'sintomi temporanji ħfief biss(inqas minn ġimgħa)

Mhuwiex irrakkomandat li jintuża fuq tfal iżgħar minn 4 snin (ara s-sezzjoni "Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu").

**Mod ta' amministrazzjoni**

Użu orali.

**Tul ta' żmien ta' l-użu jew restrizzjonijiet oħra fuq it-tul ta' żmien ta' l-użu**

*Adulti*

*Adoloxxenti ta' aktar minn 12-il sena* Indikazzjoni a)

Ma għandux jittieħed għal aktar minn ġimagħtejn.

*Tfal ta' bejn 4 u 12-il sena,* Indikazzjoni a)

Għal użu fuq perjodu ta' żmien qasir f'sintomi temporanji ħfief biss (inqas minn ġimgħa).

Jekk is-sintomi jibqgħu preżenti waqt l-użu tal-prodott mediċinali, għandu jiġi kkonsultat tabib jew prattikant kwalifikat fil-kura tas-saħħa.

**Kwalunkwe tagħrif ieħor meħtieġ għall-użu bla periklu**

*Kontraindikazzjonijiet*

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal Apiaceae (Umbelliferae) (anisi, karwija, karfus, kosbor u xibt) jew għal anetol.

*Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu*

L-użu fuq tfal iżgħar minn 4 snin mhuwiex rakkomandat minħabba n-nuqqas ta' *data* adegwata u għandu jinkiseb il-parir ta' pedjatra.

*Interazzjonijiet ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni*

Ebda interazzjoni rrapportata.

---

([1]) Għal preparazzjoni kummerċjali ta' frott tal-bużbież imfarrak jew mitħun, l-applikant għandu jwettaq testijiet ta' l-istabbilità xierqa li għandhom x'jaqsmu mal-kontenut ta' komponenti ta' żjut essenzjali.

*Tqala u treddigħ*

M'hemm ebda *data* mill-użu ta' frott tal-bużbież f'pazjenti tqal.

Mhuwiex magħruf jekk il-kostitwenti tal-bużbież joħorġux fil-ħalib tas-sider uman.

Fin-nuqqas ta' *data* suffiċjenti, l-użu matul it-tqala u t-treddigħ mhuwiex irrakkomandat.

*Effetti fuq kapaċità ta' sewqan u tħaddim ta' magni*

Ma sar ebda studju fuq kapaċità ta' sewqan u tħaddim ta' magni.

*Effetti mhux mixtieqa*

Jistgħu jseħħu reazzjonijiet allerġiċi għall-bużbież, li jaffettwaw il-ġilda jew is-sistema respiratorja. Il-frekwenza mhijiex magħrufa.

Jekk iseħħu reazzjonijiet avversi oħra mhux imsemmija fuq, għandu jiġi kkonsultat tabib jew prattikant kwalifikat fil-kura tas-saħħa.

*Doża eċċessiva*

Ma ġie rrapportat ebda każ ta' doża eċċessiva.

*Tagħrif farmaċewtiku* [jekk meħtieġ]

Mhux applikabbli.

*Effetti farmakoloġiċi jew l-effikaċja plawsibbli fuq il-bażi ta' użu u esperjenza fit-tul* [jekk meħtieġ għall-użu bla periklu tal-prodott]

Mhux applikabbli.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Novembru 2008

## fir-rigward ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għas-sena 2009, lil ċerti laboratorji ġodda ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tal-kontroll tal-ikel u l-għalf

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7283)*

**(It-testi bil-lingwa Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Ingliża, Franċiża, Taljana, Olandiża, u Żvediża biss huma awtentiċi)**

(2008/912/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(7) tiegħu,

Billi:

(1) Il-laboratorji ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tal-kontroll tal-ikel u l-għalf jistgħu jingħataw kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità skond l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([2]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1754/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Komunità lil-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-għalf u l-ikel tal-annimali u għas-settur tas-saħħa tal-annimali ([3]) jistabbilixxi li l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata jekk il-programmi ta' ħidma approvati jitwettqu b'mod effiċjenti u li l-benefiċjarji jagħtu t-tagħrif kollu meħtieġ matul ċerti limiti ta' żmien.

(3) B'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1754/2006, ir-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u kull laboratorju ta' referenza tal-Komunità hija stipulata fi ftehim ta' partenarjat li huwa sostnut minn programm ta' ħidma multiannwali.

(4) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi ta' ħidma u l-estimi tal-baġit korrispondenti mressqa mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għas-sena 2009.

(5) Għalhekk, kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tingħata lil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità maħtura biex jikkofinanzjaw l-attivitajiet tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet imniżżla fir-Regolament (KE) Nru 882/2004. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1754/2006.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1754/2006 jistipula regoli ta' eliġibilità għal-laqgħat ta' ħidma organizzati mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità. Jillimita wkoll l-għajnuna finanzjarja għal massimu ta' 32 parteċipant fil-laqgħat ta' ħidma. Derogi lil dik il-limitazzjoni għandhom jingħataw skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1754/2006 lil xi laboratorju ta' referenza tal-Komunità li jeħtieġ appoġġ għal attendenza ta' aktar minn 32 parteċipant biex jinkiseb l-aqwa riżultat tal-laqgħat ta' ħidma tiegħu.

(7) Skond l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni ([4]), il-qerda tal-mard tal-annimali u l-programmi ta' kontroll (il-miżuri veterinarji) għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG). Barra minn hekk, l-Artikolu 13, it-tieni paragrafu ta' dak ir-Regolament jipprevedi li f'każi eċċezzjonali ġġustifikati sew, għal miżuri u programmi koperti bid-Deċiżjoni 90/424/KEE, l-infiq marbut ma' spejjeż amministrattivi u tal-persunal imġarrba mill-Istati Membri u l-benefiċjarji ta' għajnuna mill-FAEG għandhom jiġu mill-Fond. Għal skopijiet ta' kontroll finanzjarju, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma Skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
([3]) ĠU L 331, 29.11.2006, p. 8.
([4]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratoire d'Etudes et de Recherches sur la Qualité des Aliments et sur les Procédés Agro-alimentaires (LERQAP), tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), Maisons-Alfort, fi Franza, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 223 031.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-EUR 23 000.

*Artikolu 2*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lir-Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM), Bilthoven, fl-Olanda, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar taż-żoonożi (salmonella).

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż it-EUR 337 509.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-EUR 31 072.

*Artikolu 3*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratorio de Biotoxinas Marinas, Agencia Española de Seguridad Alimentaria (Ministerio de Sanidad y Consumo), Vigo, fi Spanja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-bijotossini tal-ibħra.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż it-EUR 325 000.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-EUR 42 560.

*Artikolu 4*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-laboratorju tas-Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science, Weymouth, fir-Renju Unit, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-kontaminazzjoni virali u batterjoloġika tal-molluski bivalvi.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż it-EUR 304 772.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż is-EUR 36 505.

*Artikolu 5*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratoire d'études et de recherches sur la qualité des aliments et sur les procédés agroalimentaires (LERQAP), tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), Maisons-Alfort, fi Franza, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar tal-*Listeria monocytogenes*.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 277 377.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż it-EUR 23 000.

*Artikolu 6*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratoire d'Etudes et de Recherches sur la Qualité des Aliments et sur les Procédés Agro-alimentaires (LERQAP), tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), Maisons-Alfort, fi Franza, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' *Staphylococci* pożittiv għall-Coagulase, inkluż l-i*Staphylococccus aureus*.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 245 406.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità taghti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż it-EUR 23 000.

*Artikolu 7*

1. Il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istituto Superiore di Sanità (ISS), f'Ruma, l-Italja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar tal-*Escherichia coli* inkluż il-Verotoxigenic *E. Coli* (VTEC).

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 235 891.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż it-EUR 32 000.

*Artikolu 8*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Statens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA), Uppsala, fl-Iżvezja, biex twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-*Campylobacter*.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 278 570.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż l-EUR 40 000.

*Artikolu 9*

1. Il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istituto Superiore di Sanità (ISS), f'Ruma, l-Italja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, fir-rigward tal-analiżi u l-ittestjar ta' parassiti (b'mod partikolari t-*Trichinella*, l-*Echinococcus* u l-*Anisakis*).

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 299 584.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż it-EUR 32 000.

*Artikolu 10*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Kopenħagen, fid-Danimarka, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tar-reżistenza antimikrobjali.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 436 345.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż l-EUR 24 000.

*Artikolu 11*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lis-Centre Wallon de Recherches agronomiques (CRA-W), Gembloux, fil-Belġju, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' proteini tal-annimali fl-għalf.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 566 999.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż it-EUR 30 000.

*Artikolu 12*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lir-Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieuhygiëne (RIVM), Bilthoven, fl-Olanda, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għar-residwi ta' ċerti sustanzi mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([1]).

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 447 000.

([1]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-EUR 30 000.

*Artikolu 13*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratoire d'études et de recherches sur les médicaments vétérinaires et les désinfectants de L'Agence Française de Sécurité Sanitaire des aliments, Fougères, fi Franza, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għar-residwi ta' ċerti sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 447 000.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-EUR 30 000.

*Artikolu 14*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL), Berlin, fil-Ġermanja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għar-residwi ta' ċerti sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 447 000.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-EUR 30 000.

*Artikolu 15*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Istituto Superiore di Sanità, Ruma, fl-Italja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għar-residwi ta' ċerti sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 260 000.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż is-EUR 26 000.

*Artikolu 16*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Veterinary Laboratories Agency, Addlestone, fir-Renju Unit, biex twettaq il-funzjonament u d-dmirijiet stipulati fil-Kapitolu B tal-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament u tal-Kunsill ([1]), b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-enċefalopatiji sponġiformi li tinxtered.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż is-EUR 605 608.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Dik l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-EUR 68 995.

3. B'deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1754/2006, il-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 se jkun intitolat li jirreklama l-għajnuna finanzjarja għall-attendenza minn massimu ta' 50 parteċipant għal waħda mil-laqgħat ta' ħidma tiegħu msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 17*

Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg, fil-Ġermanja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' residwi ta' pestiċidji fl-ikel li joriġina mill-annimali u komoditajiet b'kontenut għoli ta' xaħam.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 198 900.

*Artikolu 18*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Kopenhagen, fid-Danimarka, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' residwi ta' pestiċidi fiċ-ċereali u l-għalf.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 198 900.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż il-EUR 110 000.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

3. B'deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1754/2006, il-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 se jkun intitolat li jagħmel talba għal għajnuna finanzjarja għall-attendenza b'massimu ta' 110 parteċipanti fil-laqgħat ta' ħidma tiegħu msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 19*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)/Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG), fi Spanja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' residwi ta' pestiċidi fil-frott u l-ħaxix, inklużi l-komoditajiet b'kontenut għoli ta' ilma u aċtu.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 440 840.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż l-EUR 10 000.

*Artikolu 20*

Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Stuttgart, il-Ġermanja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' residwi ta' pestiċidi permezz ta' metodi monoresidwi.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż it-EUR 332 000.

*Artikolu 21*

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg, il-Ġermanja, biex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari għall-analiżi u l-ittestjar ta' dijossini u PCBs fl-għalf u l-ikel.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 432 000.

2. Flimkien mal-ammont massimu stipulat fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma. Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż il-EUR 55 410.

*Artikolu 22*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità msemmija fl-Artikoli minn 1 sa 21 għandha tkun bir-rata ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1754/2006.

*Artikolu 23*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata:

— għall-ħalib u l-prodotti magħmula mill-ħalib: lil-Laboratoire d'Etudes et de Recherches sur la Qualité des Aliments et sur les Procédés Agro-alimentaires, tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), 23 avenue du Général de Gaulle, 94700 Maisons-Alfort, fi Franza;

— Għall-analiżijiet u l-ittestjar taż-żoonożi (salmonella): lir-Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM), Postbus 1, Anthony van Leeuwenhoeklaan 9, 3720 BA Bilthoven, fl-Olanda;

— Għall-monitoraġġ tal-bijotossini tal-ibħra: lil-Laboratorio de Biotoxinas Marinas, Agencia Española de Seguridad Alimentaria (Ministerio de Sanidad y Consumo), Estacion Maritima, s/n, 36200,Vigo, fi Spanja;

— Għall-monitoraġġ tal-kontaminazzjoni virali u batterjoloġika tal-molluski bivalvi: lil-Laboratory of the Centre for Environment, Fisheries & Aquaculture Science (CEFAS), Weymouth Laboratory, Barrack Road, The Nothe, Weymouth, Dorset, DT4 8UB, ir-Renju Unit;

— Għal-*Listeria monocytogenes*: lil-Laboratoire d'Etudes et de Recherches sur la Qualité des Aliments et sur les Procédés Agro-alimentaires (LERQAP), tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), 23 avenue du Général de Gaulle, 94700 Maisons-Alfort, fi Franza;

— Għall-iStaphylococci pożittiv għall-coagulase, inkluż l-iStaphylococcus aureus: lil-Laboratoire d'Etudes et de Recherches sur la Qualité des Aliments et sur les Procédés Agro-alimentaires (LERQAP), tal-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), 23 avenue du Général de Gaulle, 94700 Maisons-Alfort, fi Franza;

— Għall-Escherichia coli, inkluż il-Verotoxigenic E. Coli (VTEC): lill-Istituto Superiore di Sanità (ISS), Viale Regina Elena 299, 00161, Ruma, fl-Italja;

— għall-Campylobacter: lill-iStatens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA), Ulls väg 2 B, 751 89 Uppsala, fl-Iżvezja;

— Għall-parassiti (partikolarment it-Trichinella, l-Echinococcus u l-Anisakis): lill-Istituto Superiore di Sanità (ISS), Viale Regina Elena 299, 00161, Ruma;

— Għar-reżistenza antimikrobjali: lill-Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Bülowsvej 27, 1790 Kopenhagen V, fid-Danimarka;

— Għall-proteini tal-annimali fi prodotti tal-għalf: lis-Centre Wallon de Recherches agronomiques (CRA-W), Chaussée de Namur 24 5030 Gembloux, fil-Belġju;

— Għar-residwi: lir-Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM), Postbus 1, Anthony van Leeuwenhoeklaan 9, 3720 BA Bilthoven, fl-Olanda;

— Għar-residwi: lil-Laboratoire d’études et de recherches sur les médicaments vétérinaires et les désinfectants de L’Agence Française de Sécurité Sanitaire des aliments (AFSSA), Site de Fougères, BP 90203, 35302 Fougères, fi Franza;

— Għar-residwi: lill-Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit, Postfach 100214, Mauerstrasse 39-42, 10562, Berlin, fil-Ġermanja;

— Għar-residwi: lill-Istituto Superiore di Sanità (ISS), Viale Regina Elena 299, 00161, Ruma, fl-Italja;

— Għall-enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (TSEs): Veterinary Laboratories Agency, Woodham Lane, New Haw, Addlestone, Surrey KT15 3NB, ir-Renju Unit;

— Għall-analiżijiet u l-ittestjar tar-residwi ta’ pestiċidi fl-ikel li joriġina mill-annimali: lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA), Postfach 100462, Bissierstrasse 5, 79114 Freiburg, fil-Ġermanja;

— Għall-analiżijiet u l-ittestjar tar-residwi ta’ pestiċidi fiċ-ċereali: lill-Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Department of Food Chemistry, Moerkhoej Bygade 19, 2860 Soeborg, fid-Danimarka;

— Għall-analiżijiet u l-ittestjar tar-residwi ta’ pestiċidi fil-frott u l-ħaxix: lil-Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)/Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG), Ctra. Sacramento s/n, La Kanada de San Urbano, 04120 Almeria, fi Spanja;

— Għall-analiżijiet u l-ittestjar tar-residwi ta’ pestiċidi bil-metodi monoresidwi: lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA), Postfach 1206, Schaflandstrasse 3/2, 70736 Stuttgart, fil-Ġermanja;

— Għall-analiżijiet u l-ittestjar tad-dijossini u PCBs fl-għalf u fl-ikel: lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA), Postfach 100462, Bissierstrasse 5, 79114 Freiburg, fil-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 28 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL 2008/913/ĠAI

**tat-28 ta' Novembru 2008**

**dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 29, 31 u 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Ir-razziżmu u l-ksenofobija huma vjolazzjonijiet diretti tal-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat ta' dritt, prinċipji li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea u li huma komuni għall-Istati Membri.

(2) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar kif l-aħjar jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam dwar żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ([2]), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' Settembru 2000 dwar il-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Konferenza Dinjija Kontra r-Razziżmu u l-pożizzjoni kurrenti ta' l-Unjoni ([3]), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-aġġornament biennali ta' l-i*Scoreboard* għar-reviżjoni tal-progress dwar il-ħolqien ta' żona ta' "libertà, sigurtà u ġustizzja" fl-Unjoni Ewropea (it-tieni nofs tas-sena 2000) jagħmlu sejħa għal azzjoni f'dan il-qasam. Fil-Programm ta' l-Aja ta' l-4 u 5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew ifakkar l-impenn sod tiegħu sabiex jopponi kwalunkwe forma ta' razziżmu, anti-Semitiżmu u ksenofobija kif diġà espress f'Diċembru 2003.

(3) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/443/ĠAI tal-15 ta' Lulju 1996, dwar azzjoni sabiex jiġu miġġielda r-razziżmu u l-ksenofobija ([4]) teħtieġ li tiġi segwita b'azzjoni leġislattiva ulterjuri li tindirizza l-ħtieġa għal aktar approssimazzjoni tal-liġi u r-regolamenti ta' l-Istati Membri u sabiex jingħelbu l-ostakoli għal kooperazzjoni ġudizzjarja effiċjenti li huma prinċipalment ibbażati fuq id-diverġenza ta' l-approċċi legali fl-Istati Membri.

(4) Skond il-valutazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 96/443/ĠAI u l-ħidma mwettqa f'fora internazzjonali oħra, bħall-Kunsill ta' l-Ewropa, għadhom jeżistu xi diffikultajiet fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u għalhekk hemm ħtieġa għal aktar titjib tal-liġijiet kriminali ta' l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' leġislazzjoni komprensiva u ċara għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija.

(5) Ir-razziżmu u l-ksenofobija jikkostitwixxu theddida kontra gruppi ta' persuni li huma l-mira ta' tali għemil. Jeħtieġ li jiġi definit approċċ komuni għal-liġi kriminali fl-Unjoni Ewropea għal dan il-fenomenu sabiex ikun żgurat li l-istess għemil jikkostitwixxi reat fl-Istati Membri kollha u li penali effettivi, proporzjonati u dissważivi huma pprovduti għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu wettqu jew li jkunu responsabbli għal tali reati.

(6) L-Istati Membri jagħrfu li l-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija teħtieġ diversi tipi ta' miżuri f'qafas komprensiv u ma tistax tkun limitata biss għal kwistjonijiet kriminali. Din id-Deċiżjoni Qafas hija limitata għall-ġlieda kontra forom partikolarment serji ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali. Galadarba t-tradizzjonijiet kulturali u legali ta' l-Istati Membri huma, sa ċertu punt, differenti, partikolarment f'dan il-qasam, armonizzazzjoni sħiħa tal-liġijiet kriminali mhijiex attwalment possibbli.

([1]) Opinjoni tad-29 ta' Novembru 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 19, 23.1.1999, p. 1.
([3]) ĠU C 146, 17.5.2001, p. 110.
([4]) ĠU L 185, 24.7.1996, p. 5.

(7) F'din id-Deċiżjoni Qafas, "nisel" għandu jinftiehem li jirriferi prinċipalment għal persuni jew gruppi ta' persuni li huma mnissla minn persuni li jistgħu jkunu identifikati permezz ta' ċerti karatteristiċi (bħal ma huma r-razza u l-kulur), imma mhux neċessarjament dawn il-karatteristiċi kollha għadhom jeżistu. Minkejja dak, minħabba n-nisel tagħhom, tali persuni jew gruppi ta' persuni jistgħu jkunu suġġetti għal mibegħda jew vjolenza.

(8) "Reliġjon" għandu jinftiehem li jirriferi b'mod ġenerali għal persuni definiti b'referenza għall-konvinzjonijiet jew it-twemmin reliġjuż tagħhom.

(9) "Mibegħda" għandha tinftiehem li tirreferi għal mibegħda bbażata fuq ir-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel jew l-oriġini nazzjonali jew etnika.

(10) Din id-Deċiżjoni Qafas ma tipprevenix Stat Membru milli jadotta dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali li jestendu l-Artikolu 1 (c) u (d) għal reati diretti kontra grupp ta' persuni definiti minn kriterji oħrajn minbarra r-razza, il-kulur, ir-reliġjon, id-dixxendenza jew l-oriġini nazzjonali jew etnika, bħall-istatus soċjali jew il-konvinzjonijiet politiċi.

(11) Għandu jkun żgurat li l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati li jinvolvu razziżmu u ksenofobija ma jkunux dipendenti fuq rapporti jew akkużi magħmula minn vittmi, li huma ta' spiss partikolarment vulnerabbli u jsibuha bi tqila biex jibdew proċedimenti legali.

(12) L-approssimazzjoni tal-liġi kriminali għandha twassal biex jiġu miġġielda r-reati ta' razziżmu u ksenofobija b'mod aktar effettiv, permezz tal-promozzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja sħiħa u effettiva bejn l-Istati Membri. Id-diffikultajiet li jistgħu jeżistu f'dan il-qasam għandhom jittieħdu fil-kont mill-Kunsill meta jirrivedi d-Deċiżjoni Qafas bil-għan li jiġi kkunsidrat jekk humiex meħtieġa passi ulterjuri f'dan il-qasam.

(13) Ġaladarba li l-objettiv li jiġi żgurat li r-reati razzisti u ksenofobiċi jiġu sanzjonati fl-Istati Membri kollha mill-inqas permezz ta' livell minimu ta' penali kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment, peress li tali regoli jridu jkunu komuni u kompatibbli u għaldaqstant jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif imsemmi fl Artikolu 2 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat- Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu msemmi l-aħħar, din id-Deċiżjoni Qafas ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(14) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Arikolu 6 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 11 tagħha, kif riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u notevolment il-Kapitoli II u VI tagħha.

(15) Konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni, b'mod partikolari l-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' espressjoni f'medja oħra wasslu f'ħafna Stati Membri għal garanziji proċedurali u għal regoli speċjali fil-liġi nazzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà.

(16) L-Azzjoni Konġunta 96/443/ĠAI għandha titħassar peress li bl-adozzjoni tat-Trattat ta' Amsterdam, tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni rrispettivament mill-oriġini ta' razza jew etnika ([1]) u ta' din id-Deċiżjoni Qafas, ma għadhiex neċessarja,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI QAFAS:

*Artikolu 1*

**Reati li jikkonċernaw ir-razziżmu u l-ksenofobija**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-imġiba intenzjonali hija kastigabbli:

(a) inċitament b'mod pubbliku għal vjolenza jew mibegħda diretta kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel jew l-oriġini nazzjonali jew etnika;

(b) l-għemil ta' att imsemmi fil-punt (a) permezz ta' disseminazzjoni pubblika jew distribuzzjoni ta' materjal stampat, stampi jew materjal ieħor;

(ċ) li b'mod pubbliku jiġu skużati, miċħuda jew trivjalizzati b'mod serju r-reati ta'ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra kif definiti fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta'l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, diretti kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel jew l-oriġini nazzjonali jew etnika meta tali mġiba x'aktarx tinċita l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tali grupp jew membru ta' tali grupp;

(d) li b'mod pubbliku jiġu skużati, miċħuda jew trivjalizzati b'mod serju r-reati definiti fl-Artikolu 6 tal- Karta tat-Tribunali Militari Internazzjonali mehmuża għall-Ftehim ta' Londra tat- 8 ta' Awwissu 1945, imwettqa kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika meta l-imġiba titwettaq b'mod li x'aktarx tinċita l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tali grupp jew membru ta' tali grupp.

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkastigaw biss l-imġiba li titwettaq b’mod li x’aktarx tfixkel l-ordni pubblika jew tkun ta’ theddida, abużiva jew ta’ insult.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-referenza għar-reliġjon hija intiża biex tkopri, għal ta’ l-inqas, l-imġiba li hija pretest għall-indirizzar ta’ atti kontra grupp ta’ persuni jew membru ta’ tali grupp definit b’referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista’, fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni Qafas jew wara, jagħmel dikjarazzjoni li huwa ser jirrendi l-għemil li jikkonsisti fiċ-ċaħda jew fit-trivjalizzazzjoni b’mod serju tar-reati msemmija fil-paragrafu 1(c) u/jew (d), kastigabbli biss jekk ir-reati msemmija f’dawn il-paragrafi jkunu ġew stabbiliti b’deċiżjoni finali ta’ qorti nazzjonali ta’ dan l-Istat Membru u/jew ta’ qorti internazzjonali, jew b’deċiżjoni finali ta’ qortiinternazzjonali.

*Artikolu 2*

**Istigazzjoni, għajnuna jew kompliċità**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-instigazzjoni ta’ l-imgiba imsemmija fl-Artikolu 1(c) u (d) huwa kastigabbli.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-għajnuna jew il-kompliċità fl-għemil ta’ l-imġiba msemmija fl-Artikolu 1 hija kastigabbli.

*Artikolu 3*

**Penali Kriminali**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-imġiba msemmija fl-Artikoli 1 u 2 hija kastigabbli b’penali kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-imġiba msemmija fl-Artikolu 1 hija kastigabbli b’penali kriminali ta’ massimu ta’ mill-inqas bejn 1 u 3 snin ħabs.

*Artikolu 4*

**Motivazzjoni razzista u ksenofobika**

Għal reati għajr dawk imsemmija fl-Artikoli 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li motivazzjoni razzista u ksenofobika titqies bħala fattur aggravanti, jew, alternattivament li tali motivazzjoni tista’ tittieħed in konsiderazzjoni mill-qrati fid-determinazzjoni tal-penali.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltà ta’ persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li persuna ġuridika tkun tista tinżamm responsabbli għall-imġiba imsemmija fl-Artikoli 1 u 2, imwettqa għall-benefiċċju tagħha minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li għandha pożizzjoni ta’ tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, ibbażata fuq:

(a) setgħa ta’ rappreżentazzjoni tal-persuna ġuridika,

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f’isem il-persuna ġuridika, jew

(ċ) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. Minbarra l-każijiet previsti fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li persuna ġuridika tista’ tinżamm responsabbli fejn in-nuqqas ta’ superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 għamlet possibbli l-għemil ta’ l-imġiba msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għall-benefiċċju ta’ dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta’ persuna ġuridika taħt il-paragrafi 1 u 2 m’għandhiex teskludi proċeduri kriminali kontra persuni fiżiċi li huma awturi ta’ jew aċċessorji fl-imġiba msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

4. “Persuna ġuridika” tfisser kwalunkwe entità li għandha tali status taħt il-liġi nazzjonali applikabbli, bl-eccezzjoni ta’ Stati jew korpi pubbliċi oħrajn fl-eżerċizzju ta’ l-awtorità ta’ l-Istat u organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 6*

**Penali għal persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skond l-Artikolu 5(1) hija kastigabbli b’penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu penali oħrajn, bħal:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

(b) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mit-twettiq ta’ attivitajiet kummerċjali;

(ċ) it-tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

(d) ordni ġudizzjarja ta’ stralċ.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skond l-Artikolu 5(2) hija kastigabbli b’penali jew miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 7*

**Regoli kostituzzjonali u prinċipji fundamentali**

1. Din id-Deċiżjoni Qafas m’għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta’ rispett għad-drittijiet fundamentali u għall-prinċipji legali fundamentali, inkluż il-libertà ta’ espressjoni u assoċjazzjoni, kif proklamati fl-Artikolu 6 tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropea.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex ikollha l-effett li teħtieġ l-Istati Membri jieħdu miżuri li huma f'kontradizzjoni mal-prinċipji fundamentali tagħhom relatati mal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni, b'mod partikolari l-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' espressjoni f'medja oħra kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali jew regoli li jirregolaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta', u l-garanziji proċedurali għal, l-istampa jew medja oħra fejn dawn ir-regoli jirrelataw għad-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà.

*Artikolu 8*

**Bidu ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni**

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet fi jew il-prosekuzzjoni ta' imġiba msemmija fl-Artikoli 1 u 2 m'għandhomx ikunu dipendenti fuq rapport jew akkuża magħmula mill-vittma ta' l-imġiba, ta' l-inqas fl-aktar każijiet serji fejn l-imġiba twettqet fit-territorju tiegħu.

*Artikolu 9*

**Ġurisdizzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward ta' l-imġiba msemmija fl-Artikoli 1 u 2 fejn l-imġiba twettqet:

(a) fl-intier tagħha jew parzjalment fit-territorju tiegħu;

(b) minn wieħed miċ-ċittadini tiegħu; jew

(ċ) għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

2. Fl-istabbiliment tal-ġurisdizzjoni skond il-paragrafu 1(a), kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-ġurisdizzjoni tiegħu testendi għal każijiet fejn l-imġiba titwettaq permezz ta' sistema ta' informazzjoni u:

(a) it-trasgressur iwettaq l-imġiba meta jkun fiżikament preżenti fit-territorju tiegħu, kemm jekk l-imġiba tinvolvi materjal ospitat fuq sistema ta' informazzjoni fit-territorju tiegħu kif ukoll jekk le;

(b) l-imġiba tinvolvi materjal imqiegħed fuq sistema ta' informazzjoni fit-territorju tiegħu, kemm jekk it-trasgressur iwettaq l-imġiba meta jkun fiżikament preżenti fit-territorju tiegħu, kif ukoll jekk le.

3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax, jew li japplika biss f'każijiet jew ċirkostanzi speċifiċi, ir-regola ta' ġurisdizzjoni mniżżla fil-paragrafi 1 (b) u (c).

*Artikolu 10*

**Implimentazzjoni u Reviżjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijet din id-Deċiżjoni Qafas sat-28 ta' Novembru 2010.

2. Sa l-istess data l-Istati Membri għandhom jitrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test ta' dispożizzjonijiet li jittrasponi fil-ligi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Qafas. Abbażi ta' rapport imħejji fuqdin l-informazzjoni mill-Kunsill u rapport bil-miktub mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, sat-28 ta' Novembru 2013 jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunuik-konformaw ruħhom mad- dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

3. Qabel it-28 ta' Novembru 2013, il-Kunsill għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni Qafas. Għat-tħejjija ta' din ir-reviżjoni, il-Kunsill għandu jitlob lill-Istati Membri dwar jekk kellhomx diffikultajiet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fir-rigward tal-imgiba taħt l-Artikolu 1. Barra minn hekk, il-Kunsill jista' jitlob lill-Eurojust biex jippreżenta rapport, dwar jekk id-differenzi bejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali rriżultawx f'xi problemi rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam.

*Artikolu 11*

**Tħassir ta' l-Azzjoni Konġunta 96/443/ĠAI**

Azzjoni Konġunta 96/443/ĠAI hija b'dan imħassra.

*Artikolu 12*

**Applikazzjoni territorjali**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għal Ġibiltà.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.